

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR – APRIL 2018

Nru 193

## NUNZJU U ARĊISQOF ĠDID



4

## JOSEPH VELLA

1942 - 2018



14



*"Il-Knisja Kattolika għandha d-dritt u d-dmir li tesprimi ġudizzju morali fuq ir-riċerka u fuq metodi tekniċi fir-rigward tat-tnissil tal-bniedem".*

10

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Ma baqax kollox l-istess!

Huwa titlu li xħin taqrah mill-ewwel ifakkrek f'waqtiet ta' niket u memorji ta' ġrajja kiebja. Fil-fatt hekk hu. Kien il-Ħadd 25 ta' Frar filgħaxija li bdiet tiġri l-aħbar li l-Professur Joseph Vella ddaħħal ta' malajr l-isptar u li ftit wara ħalliena.

Ma stajniex nemmnu lil widnejna! Ħafna minna konna ltqajna miegħu dik il-ġurnata stess, min forsi waqt ir-rikording tal-marċijiet funebri tal-Banda li kien ilu jidderiġi għal kważi ħamsin sena, min waqt il-pranzu tal-Fondazzjoni Belt Victoria. Nibqgħu niftakruh ukoll ferħan u mkabbar il-ġurnata ta' qabel, fejn f'serata li saret f'ġieħu, irregala l-mużika kollha tiegħu lill-Mużew tal-Bażilika Il-Ħaġar. Imma żgur ser nibqgħu niftakru l-mumenti li fihom gawdejnieh f'nofsna, dawk formali u wisq aktar dawk ta' ħbiberija u kunfidenza.

Għalkemm ma għadux magħna fiżikament u mewtu ħesrem ħasditna, lis-Surmast – għax hekk konna nirreferu għalih – ser nibqgħu nisimgħuh xorta waħda jidwi mal-ħitan tal-Bażilika u mat-toroq ta' Għawdex. Ser jibqa' jitfaċċa quddiem għajnejna kull darba li nkantaw l-innijiet u l-marċijiet li b'tant dedikazzjoni u ħeġġa kiteb għas-Soċjetà Filarmonika La Stella, imma fuq kollox meta għal darba, darbtejn, tlieta, inkantaw in-noti ħelwin tal-*Georgius natus est*. Għajnejna se jibqgħu jfittxuh minn bejn kolonna u oħra tat-tribuna xħin fil-festi ta' Lulju nisimgħu l-mużika li kiteb hu stess għall-Pontifikal. Ser nibqgħu nfakkruh kull meta f'San Ġorġ jew fit-Teatru Astra, il-Kor Laudate Pueri jew il-Banda tagħna jsemmgħu l-ilħna tagħhom f'xi kunċert.

Il-frażi "Tkun taf x'għandek meta titilfu" tgħodd bil-wisq għas-Surmast Joseph Vella. Forsi aħna kollha li konna mdorrijin miegħu, u konna 'mgħarrqin' fil-mużika tiegħu, konna 'drajna' l-livell mill-aqwa ta' dak kollu li joħroġ minn taħt idejh. Kienu mijiet li sellmu l-memorja tiegħu, minn kollegi u mużiċisti għall-ogħla awtoritajiet ċivili, imma fuq kollox partitarji tal-Istilla u Ġorġjani li kibru u tgħallmu tant mingħandu. Għalina li l-Professur Vella kien wieħed ta' ġewwa, tlifna bniedem kbir li bil-mużika tiegħu rnexxielu jesprimi f'isimna l-imħabba lejn dak li tant inħobbu. Żgur imma li ser nibqgħu ngħożżu tant memorji u mużika brillanti li ħallielna, għalkemm, b'dispjaċir nistqarru, ma baqax kollox l-istess...

### KRONAKA PARROKKJALI (JANNAR-APRIL 2018)

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

- 14/08/2017 **Eaub Farhat** bint Abdel Moutaleb Ali Ferhat u Fiona Farrugia
- 03/09/2017 **Camille** bint Raphael Axiak u Marilyn Said
- 07/01/2018 **Chiara** bint Andrew Formosa u Maria Attard
- 15/01/2018 **Jean** bin Svetlana Incorvaja
- 10/02/2018 **Aiden** bint Johan Scerri u Clemia Zammit
- 13/02/2018 **Penelope Elizabeth** bint Thomas Poyntz u Melina Vella
- 31/03/2018 **Hugh** bin Daniel Attard u Roberta Vassallo
- 31/03/2018 **Relf** bin Arben Mirce u Polikseni Konomi
- 01/04/2018 **Julian** bin Leonard Bonello u Ylenia Caruana
- 08/04/2018 **Kristen** bint Christian Parnis u Sonia Bugeja
- 22/04/2018 **Nathaniel George** bin Jonathan Sultana u Suesan Marie Muscat
- 22/04/2018 **Marco** bin George Frank Mizzi u Sabrina Sillato
- 28/04/2018 **Katrina** bint George Vella u Melissa Mercieca

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

- 03/01/2018 **Orazio Camilleri**
- 14/01/2018 **Maria Giovanna Mercieca**
- 29/01/2017 **George Borg**
- 03/02/2018 **Pauline Grech**
- 21/02/2018 **Miriam Rapa**
- 25/02/2018 **Theresa Cachia**
- 25/02/2018 **Mro Joseph Vella**
- 21/03/2018 **Maria Carmela Mercieca**
- 06/04/2018 **Catharina Mizzi**
- 13/04/2018 **Giovanna Xerri**
- 18/04/2018 **Carmen Vella**

**DONAZZJONIJIET** Mons. Coronato Grima (il-Belt Victoria) – €10 | Adelina Sultana – €10 | Anton Farrugia (Ta' Sannat) – €10 | Frank Schembri (l-Awstralja) – €20 | Maria Zammit (l-Awstralja) – €20.

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archprieststgeorge@gmail.com

## Il-Faċċata... u 'l ġewwa minnha!

Hekk kif wieħed jidħol fi Pjazza San Ġorġ, dritt tolqtu l-faċċata maestuża tal-Bażilika. Din il-faċċata tlestiet fis-sena 1817, jiġifieri 201 sena ilu. Minkejja li ż-żmien ħalla marki qawwija fuqha, xorta waħda għadha tinħass grandjuża u ta' sbuħija li tgħaxxaq.
Iżda l-faċċata hi biss il-bidu. Il-faċċata tistiednek tidħol ġew. Il-faċċata ssaħħrek u mingħajr ma trid issibek miġbud biex tiskopri x'hemm mill-bieb 'il ġew.

### Xi ssib?

Għeżież qarrejja, forsi taħsbu li se noqgħod nagħmel lista tat-teżori li fiha l-Bażilika ta' San Ġorġ. Iżda dawk tafuhom iżjed minni. Nixtieq naqsam magħkom verament x'hemm mill-bieb 'il ġewwa.
Il-Bażilika hi post fejn tant nies isibu lil Alla. Hi d-dar ta' Alla u fiha eluf ta' nies jirċievu s-sagramenti. San Ġorġ minn dejjem kien jaqdi lil kulħadd, m'hemmx distinzjoni. Il-quddies, il-qrar, l-adorazzjoni lis-Sagrament, kif ukoll id-devozzjonijiet tax-xemgħa li jserrħu l-qalb li tafda ruħha f'idejn Alla, huma l-isbaħ teżor li ssib mill-bieb 'il ġew.

Imma fuq kollox, f'din id-dar ta' Alla l-bniedem jiltaqa' mal-Prinċep tal-Martri li bla ma jrid jarah preżenti f'dak kollu li jilmaħ madwaru. Kull bniedem jibda jistaqsi għaliex il-kobor ta' dan il-qaddis. U jilmaħ b'għajnejh sew xeni mill-ġrajjiet tal-ħajja ta' Ġorġi kif ukoll xeni mill-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin fejn l-id ta' Alla dehret permezz ta' San Ġorġ. U hekk tikber ix-xewqa li wieħed jiskopri lil dan Alla li għalih Ġorġi ta ħajtu.

### Restawr

Minn żmien għal żmien kollox jiġi bżonn tar-restawr. U iktar ma r-restawr isir kmieni, inqas ikunu d-dannu u r-riskju li opra tintilef. Iżda l-knisja mhix il-ġebel ta' barra. Inutli jkollna qoxra u faċċata sabiħa ta' tempju sabiħ, jekk il-parroċċa teqdiem. Jekk l-Insara jitbirdu, x'tiswa l-qoxra sabiħa? San Pietru jħeġġiġna bil-kliem: *"U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali"* (1 Pt 2:4) .

Ilkoll kemm aħna rridu naħdmu biex il-komunità parrokkjali tagħna tiġġedded. Kull żmien għandu l-isfidi tiegħu. U aħna lesti biex il-Parroċċa ta' San Ġorġ nagħmluha teżor għaż-żmien tal-lum u ta' għada. Aħna rridu nkunu kburin li mhux biss qed nirrestawraw il-ġebel, iżda qed naħdmu biex nirrestawraw il-qlub.

### Fil-prattika

Ir-restawr ta' oġġetti u proġetti oħra ġodda ġa tafu bihom. Inħeġġiġkom ħafna biex kulħadd jgħinna fihom, għax l-ispiża mhix żgħira. Iżda xtaqt naqsam magħkom il-proġetti moħbija ta' restawr tal-qlub.

- L-ewwel nett nixtieqna li fil-Parroċċa jkollna ambjent fiż-żgur għat-tfal u ż-żgħażagħ. U dan qed naħdmuh permezz tal-gruppi li għandna bl-isem *23four*. Inħeġġeġ lill-ġenituri biex jissapportjawna u biex anki jagħmlu spazju fit-*timetable* ta' wliedhom. Qed noħolqu wkoll post għal-laqgħat u *gamesroom* għalihom fejn jistgħu jqattgħu ftit tal-ħin flimkien.
- Nixtieqna nsaħħu l-gruppi tal-koppji li jiltaqgħu jaqsmu flimkien il-Kelma ta' Alla fl-esperjenzi tal-ħajja ta' kuljum.
- Nixtieqna nagħtu spazju lil tfal bi bżonnijiet speċjali, b'mod speċjali dawk b'diffikultà fit-tagħlim.
- Nixtieqna li nkunu iktar qrib tal-bżonnijiet tal-anzjani fi djarhom.
- Nixtieqna li l-quddies kollu, b'mod speċjali tal-Ħadd, ikompli jkun esperjenza ta' ferħ u laqgħa ma' Alla għal dawk li jiġu.
- Nixtieqna li nkomplu s-servizz ta' qrar, b'mod speċjali fl-ewwel ġimgħa tax-xahar.
- Nixtieqna li nkomplu nieħdu ħsieb is-saċerdoti tagħna.

### Utopja?

Forsi jidhru proġetti idealistiċi. Iżda dawn mhumiex biss xewqat, għax dan kollu ġa nbeda u bil-mod il-mod qed jiżviluppa. Jeħtieġ li nkomplu naħdmu għalih flimkien. Din hi l-parroċċa li tagħmilna kburin. Kulħadd irid jagħti s-sehem tiegħu. Hekk, min jidħol mill-faċċata 'l ġewwa, jiskopri li jekk il-qoxra hi sabiħa, 'il ġewwa minnha hu isbaħ!

### OFFRI R-RIVISTA B'SUFFRAĠJU GĦALL-GĦEŻIEŻ TIEGĦEK

Mod sabiħ kif tagħmel suffraġju lill-għeżież mejtin tiegħek hu billi tħallas parti mill-ispejjeż ta' din ir-rivista *Il-Belt Victoria*. Mill-ġid li jixtered permezz tagħha jistgħu jgawdu wkoll l-erwieħ tal-Purgatorju.
L-isem tal-għeżież tiegħek flimkien ma' stedina għat-talb b'suffraġju tagħhom jidhru f'waħda mill-paġni tar-rivista.
Kun parti minn dan il-proġett tagħna! Agħti d-donazzjoni tiegħek fl-Uffiċċju Parrokkjali.

# Il-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. Alfred Xuereb

## Il-Parroċċa Ġorġjana tagħti lill-Knisja Isqof ieħor

Francesco Pio Attard




Għajnejn Għawdex u Malta nhar San Ġużepp kienu fuq Mons. Alfred Xuereb, is-saċerdot mill-parroċċa tagħna li dakinhar kien qed jiġi kkonsagrat Isqof fil-Bażilika ta' San Pietru, fil-Vatikan, mill-Papa Franġisku, flimkien ma' żewġ ordinandi oħra. Id-19 ta' Marzu hi ġurnata sinifikattiva mhux biss għax fiha l-Knisja tiċċelebra s-Solennità tal-Missier Putattiv ta' Ġesù li f'dirgħajh hu mqiegħed ukoll il-ħarsien tagħha, imma wkoll għax jaħbat l-anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-pontifikat ta' Franġisku fl-2013.

Meta waslet l-aħbar li l-Papa kien għażel lil Dun Alfred biex jaħtru Arċisqof titulari ta' Amanthea u Nunzju appostoliku tiegħu fil-Korea u l-Mongolja, il-komunità parrokkjali tagħna kienet maħfuna f'niket kbir għat-telfa tas-Surmast Joseph Vella. Minkejja li qalbna riedet tifraħ għal ħatra għolja bħal din – ta' Isqof mill-Parroċċa tagħna – esternament ippruvajna nżommu s-sentimenti tagħna 'ekwilibrati'. Fil-fatt, ironikament, dakinhar tat-Tnejn 26 ta' Frar, meta l-Isqof tagħna Mons. Mario Grech ta l-komunikat fil-Kurja fl-istess ħin li l-aħbar saret uffiċjali fuq il-Bullettin tas-Sala Stampa tal-Vatikan, il-qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ kienu l-uniċi fost il-knejjes parrokkjali Għawdxin li ma daqqewx mota solenni għal din l-aħbar ta' ferħ.

Imma mbagħad, aktar ma beda joqrob il-jum tal-Konsagrazzjoni episkopali, iktar żdied l-entużjażmu. Ħafna bagħtu jawguraw lil Mons. Xuereb b'messaġġi u emails; kif nafu, Dun Alfred hu wiċċ familjari fil-parroċċa, għax minkejja l-impenji tiegħu fis-servizz tal-Papa u d-diplomazija tal-Vatikan matul dawn is-snin kollha, kważi dejjem żamm l-appuntamenti annwali taż-żjajjar spissi f'Għawdex, possibbilment f'rabta mal-festi tal-Milied u tal-Għid, San Ġorġ u l-btajjel tas-sajf. Il-Parroċċa riedet takkumpanja bit-talb lil dan l-iben tagħha li issa l-Papa kien qed jafdalu missjoni tant importanti.



Iktar minn hekk, kienu bosta l-ħbieb Ġorġjani li, flimkien mal-qraba u l-familja immedjata ta' Dun Alfred, telgħu Ruma biex fid-19 ta' Marzu jkunu preżenti f'San Pietru għall-Ordinazzjoni. Il-Ħadd 18 filgħaxija, fid-Dar Ġeneralizja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'Via Iberia, Ruma, inżammet Velja ta' talb li tmexxiet mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fiha sar qari mill-Iskrittura u mis-Santi Padri, fost l-oħrajn minn Dr Paul George Pisani u ibnu Ġorġ, mill-komunità parrokkjali tagħna, li ta wkoll servizz l-għada.



Intant, fil-ġimgħat ta' qabel l-Ordinazzjoni, tħabbru wkoll iktar dettalji dwar l-arma u l-motto magħżula mill-Arċisqof il-ġdid. Il-kliem magħżul *"Ut unum sint"* – "Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda" (Ġw 17:21), meħud mit-talba ta' Ġesù lill-Missier fl-Aħħar Ikla biex wara mewtu d-dixxipli jibqgħu magħquda fil-Ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja, jesprimi l-ħidma ta' Mons. Xuereb li, f'għaqda mas-Suċċessur ta' Pietru, jaħdem biex il-popli jersqu iktar lejn xulxin fil-paċi u l-ftehim, speċjalment fil-kuntest jaħraq ta' tensjoni bejn iż-żewġ Korej. L-istemma, min-naħa l-oħra, turi s-Salib ta' Malta fuq sfond dehbi, tradizzjonalment assoċjat mal-virtù ewlenija tal-Fidi. Fil-ġnub tan-naħa ta' fuq hemm żewġ simboli fuq sfond











tal-Vatikan u anki TVM, is-Salm Responsorjali tkanta minn Dr Maria Frendo, *leader* tal-Kor tal-Bażilika tagħna Laudate Pueri kif ukoll ġara ta' Dun Alfred sa mit-tfulija.

Il-mumenti l-aktar emozzjonanti taċ-ċerimonja, mimlija b'ġesti qawwija u sinifikattivi, żgur li kienu l-prostrazzjoni tal-kandidati fl-art waqt il-kant tal-Litanija tal-Qaddisin, it-tqegħid tal-idejn mill-Papa u wara mill-Isqfijiet konċelebranti wieħed wieħed, id-dilka biż-żejt tal-Griżma, l-għoti taċ-ċurkett, il-baklu u l-mitra, kif ukoll it-tgħanniqa tal-paċi li fiha l-Papa dam ftit tal-ħin sew jitkellem ma' Dun Alfred, li kien tant qrib tiegħu bħala Segretarju fl-ewwel snin tal-pontifikat. Tul iċ-ċelebrazzjoni

aħmar meħuda mill-istemmi pontifiċji taż-żewġ Papiet li tagħhom Mons. Xuereb kien Segretarju: l-imħara mill-istemma tal-Papa Benedittu XVI, u x-xemx tal-Kumpanija ta' Ġesù mill-istemma tal-Papa Franġisku. Fl-istess jiem, is-Soċjetà Filatelika Għawdxija ppubblikat ukoll kartolina għal timbru speċjali tal-MaltaPost, f'kollaborazzjoni mal-Bażilika.

Il-funzjoni tal-Konsagrazzjoni episkopali ta' Mons. Alfred Xuereb, nhar it-Tnejn 19 ta' Marzu 2018, bdiet fil-5.00pm. Fil-Bażilika ta' San Pietru, fost tant qraba u ħbieb, kienu preżenti ommu Doris u oħtu Sylvia. Ma naqsux l-għadd ta' saċerdoti Għawdxin li, flimkien mal-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, telgħu jikkonċelebraw. Dun Alfred hu r-raba' Isqof Għawdxi li bħalissa qed jaqdi lill-Knisja. Bħala assistenti tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof Xuereb xtaq lil Mons. Ġużeppi Farrugia, eks-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna u ħabib kbir tiegħu, u lil Mons. Arċipriet Joseph Curmi. Fil-quddiesa, imxandra fuq it-televiżjoni



IL-BELT VICTORIA





kollha, Mons. Xuereb deher viżibbilment emozzjonat, sentimenti li diffiċli taħbi mqar quddiem il-kameras tat-televiżjoni. Il-mistednin kellhom l-okkażjoni jaqsmu fil-ferħ tal-okkażjoni waqt riċiviment li nżamm dritt wara fl-Awla Pawlu VI.

Waħda mill-ewwel żjarat li għamel l-Arċisqof il-ġdid kienet lill-Papa emeritu Benedittu XVI, illum residenti għall-kwiet tal-Monasteru Mater Ecclesiæ fil-ħitan tal-Vatikan. Nafu biżżejjed x'relazzjoni sabiħa nibtet u nżammet bejn it-tnejn, u allura nistgħu nistħajlu kemm kienet emozzjonanti din il-laqgħa tagħhom l-għada tal-Ordinazzjoni. It-Tlieta filgħodu wkoll l-Arċisqof Xuereb iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fuq l-Altar ta' San Ġużepp fil-Bażilika tal-Vatikan, flimkien mas-saċerdoti ħbieb.

Il-Knisja f'Għawdex stenniet bil-ħerqa li tkun tista' tiċċelebra mal-Arċisqof u Nunzju l-ġdid fiż-żjara li hu għamlilha ftit tal-jiem wara. L-ewwel impenn uffiċjali wettqu fil-Katidral, fejn nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu mexxa l-Quddiesa taż-Żjut. Imma sa mill-ewwel ġurnata tal-wasla tiegħu kien ġa qaddes is-soltu quddiesa ta' filgħodu fil-Bażilika tagħna. Hawn ukoll huwa ġie mistieden mill-Arċipriet imexxi żewġ funzjonijiet ewlenin tal-Ġimgħa Mqaddsa: Ħamis ix-Xirka filgħaxija u l-Velja tal-Għid. F'tal-ewwel, hu ġie rregalat ċurkett bix-xbieha ta' San Ġorġ, waqt li sar it-tpartit tradizzjonali tal-kallotti. F'Sibt il-Għid, l-Arċisqof Xuereb mexxa ċ-ċelebrazzjoni sabiħa li fiha ġew mgħammda tarbija u katekumenu adult. Fiż-żewġ okkażjonijiet, tana omeliji mill-isbaħ, ċari imma teoloġikament profondi. Iż-żjara f'Malta ntemmet il-Ħadd 8 ta' April, l-Ottava tal-Għid, b Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'riġlejn Ommna Ta' Pinu.



Il-komunità parrokkjali Ġorġjana kellha sehem ħaj fit-trobbija spiritwali ta' Dun Alfred Dan hu kkonfermat fil-Bolla tal-Ħatra mill-Papa Franġisku, li juri fiduċja sħiħa fih "għaliex irċevejt l-aqwa formazzjoni Kattolika fil-familja, fil-parroċċa u f'pajjiżek", u jafdah fost l-oħrajn fl-interċessjoni ta' San Ġorġ. Il-ferħ tagħna li għal darb'oħra San Ġorġ ta lill-Knisja presbiteru ieħor biex ikun Ragħaj – ħaġa li fl-istorja tagħna seħħet mill-inqas erba' darbiet oħra – issa jinbidel f'talba lil Alla u lill-Patrun tagħna San Ġorġ biex iżommu jdejhom fuq Dun Alfred – kif nafuh u b'rispett nibqgħu nsejħulu – ħalli jkun missjunarju kuraġġjuż kull fejn l-Ispirtu jsejjaħlu, biex "inkunu lkoll ħaġa waħda".



# San Ġorġ tat-Tbissima: Tħeġġiġa għall-Qdusija

Dun Simon Mario Cachia,
Delegat tal-Isqof ta' Għawdex għall-Katekeżi mat-Tfal




Dan l-aħħar il-Papa Franġisku tana Eżortazzjoni Appostolika sabiħa ħafna, jisimha *Ifirħu u Thennew.* Il-Papa beda din l-Eżortazzjoni billi sselle f dawn il-kelmiet li qal Kristu nnifsu biex juri x'inhu l-frott għal min jagħżel li jfassal ħajtu fuq il-Beatitudnijiet. "Ifirħu u thennew" mhijiex riċetta elitista, maħsuba biss għal ftit ixxurtjati li 'jaffordjaw' jgħixu l-Beatitudnijiet. Din l-istedina hija għal kulħadd, għax kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija.

Id-don tal-Fidi u s-Sagrament tal-Magħmudija jiftħulna t-triq għal xmara ta' grazzji kontinwi mogħtija lilna b'xejn minn Kristu permezz tal-Knisja tiegħu. Dawn il-grazzji kollha jgħinuna nimxu t-triq tal-qdusija fil-ħajja ta' kuljum tagħna u fl-istess waqt jagħmluna 'henjin'. Dan il-ferħ, li ġej minn Alla li hu mħabba, ma nistgħux nagħlquh fil-ħajja privata tagħna. Dan il-ferħ jimbuttana biex naqsmu mal-oħrajn l-imħabba li nkunu qed nirċievu. L-Iskrittura stess tgħidilna: "Min jagħti hu aktar hieni minn min jieħu" (Atti 20:35), u "Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ" (2 Kor 9:7).

Dan il-ferħ, li ġej dirett mill-Qalb ta' Kristu, jagħmilna qawwija fit-taħbit, sodi fit-tentazzjoni, ankrati fil-fidi u ferħanin f'kull ċirkustanza li toffrilna l-ħajja. Il-Papa jgħidilna li "bla dubju, Kristu 'hu s-sliem tagħna' (Efes 2:14) u ġie biex 'imexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem' (Lq 1:79)" (GE, 121). Madankollu, dan is-sliem ma jagħtihulniex "kif tagħtih id-dinja" (Ġw 14:27). Dan ma jfissirx li "jkollna spirtu magħluq, imdejjaq, qares, malinkoniku, jew b'geddum sal-art u bla ħeġġa. Il-qaddis kapaċi jgħix bil-ferħ u b'sens ta' umoriżmu" (GE, 122).

Huwa għalhekk li jien nippreferi nara lill-Patrun tagħna, il-Martri San Ġorġ, bħala *l-Qaddis tat-Tbissima.* Meta nħarsu lejn wiċċ Ġorġi kif immortalat minn Preti, kif skolpit minn Azzopardi, kif impitter minn Conti, u kif narawh imsawwar fl-istatwi u l-pitturi uniċi li jżejnu lil Beltna f'Lulju, narawh dejjem b'wiċċ bi tbissima.

It-tbissima hija sinjal ta' ferħ, sinjal ta' sliem u sinjal ta' qdusija. It-tbissima ta' Ġorġi mhijiex tbissima ta' bniedem medhi fil-kapriċċi, fis-suċċessi ta' din id-dinja, fil-vanità u fis-suppervja. Lanqas mhi tbissima ta' wieħed li jippretendi li laħaq is-sema filwaqt li jħares 'l isfel lejn ħutu biex jurihom kemm hu qaddis iktar minnhom. It-tbissima ta' Ġorġi mhijiex tbissima ta' wieħed li jinħela fil-paroli. It-tbissima ta' Ġorġi hi tbissima ta' persuna li hija konxja li hi wild Alla, ta' persuna konvinta mill-fidi tagħha, ta' żagħżugħ li jaf li Kristu hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja tiegħu. It-tbissima ta' Ġorġi hi tbissima ta' bniedem li daq il-benna tal-Imħabba ta' Qalb Kristu, għexha u xtaq ixerridha fuq kulħadd. San Ġorġ kien jaf li jekk ħajtu jankraha fil-Qalb u fis-Salib ta' Kristu, il-ferħ tal-Mulej ser ikun fih, u għalhekk, il-ferħ tiegħu kien se jkun sħiħ (ara Ġw 15:11). Fit-tbissima ta' Ġorġi tagħna, għalhekk, naraw titwettaq mill-ġdid dik il-profezija mħabbra minn Żakkarija: "Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon; għajjat bil-ferħ, bint Ġerusalemm! Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek; ġust u rebbieħ" (Żak 9:9).

Anki fl-aħħar xhur ta' ħajtu, San Ġorġ ma tilifx it-tbissima, minkejja t-tbatija ħarxa li kellu jgħaddi minnha fil-persekuzzjoni li sofra minħabba twemminu. Dan iż-"żagħżugħ mimli bis-safa tas-sema" baqa' "għaddej hieni bħal anġlu fuq l-art" filwaqt li "ħaffef ħejja ruħu għall-martirju billi qassam ġidu lill-foqra ta' madwaru". San Ġorġ baqa' jitbissem anki quddiem il-Ħażin, ippersonifikat mill-persekuturi tiegħu, filwaqt li sab dak il-kuraġġ smewwi – li hu don tal-Ispirtu s-Santu – biex jibqa' jistqarr sal-aħħar il-fidi tiegħu fl-Irxoxt.

Il-Papa Franġisku jgħidilna: "Hemm mumenti ibsin, żminijiet tas-salib, imma xejn ma jista' jeqred il-ferħ sopranaturali li jadatta ruħu u jinbidel imma dejjem jibqa' tal-inqas bħala xaqq ta' dawl li ġej miċ-ċertezza personali li, lil hemm minn kollox, aħna maħbuba bi mħabba bla qies" (GE, 125). Dan, San Ġorġ, fehmu, emmnu u għexu sal-aħħar. L-Isqof tagħna Mario Grech, fl-omelija li għamlilna fil-jum għażiż tat-23 ta' April, qalilna: "San Ġorġ ma sarx qaddis għax ingħata l-martirju, imma wera l-qawwa quddiem dawk li tawh il-martirju għax kien qaddis".

Għalhekk, int u tħares lejn San Ġorġ tat-Tbissima, ftakar fil-kelmiet li l-Mulej mar qal lil kull wieħed u waħda minna: "Tibżgħu xejn" (Mk 6:50) għax "jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:20). Ftakar li Alla jħobbok bi mħabba bla qies, li jieħu ħsiebek u "l-anġli tiegħu hu jibgħatlek, u jħarsuk fi triqatek kollha. Fuq idejhom jerfgħuk, li ma taħbatx ma' xi ġebla riġlek" (Salm 91:11-12). Ftakar fil-ferħ ta' San Ġorġ u ifraħ int ukoll għax għandek għalfejn. In-negattività, is-suspett, ir-rabja, iz-zekzik, is-suppervja, id-dwejjaq, il-wiċċ laskri... ma kinux parti mill-ħajja ta' San Ġorġ u lanqas għandhom ikunu parti minn ħajtek, għax mhumiex parti mill-ħajja tan-Nisrani.

Inħeġġek biex tħares lejn San Ġorġ, u minkejja ċ-ċirkustanzi iebsa li forsi għaddej/ja minnhom bħalissa, ifraħ, tbissem u kompli imxi bil-kuraġġ. Ftakar li "l-burdata ħażina mhijiex sinjal ta' qdusija: 'Ħarrab ukoll minn moħħok it-tħassib' (Koħ 11:10)" (GE, 126).

San Ġorġ tagħna hekk għamel, sar qaddis u wriek it-triq biex issir bħalu: issa jmiss lilek!



# ALBUM
# MILL-ĦAJJA PASTORALI
## JANNAR-APRIL 2018

1. Fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-ġemgħa mxiet f'purċissjoni lejn il-Bażilika minn fuq San Ġakbu, u fil-quddiesa ġew ippreżentati l-kandidati għas-sagramenti tal-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni. 02.02.2018

2. Il-kors tal-Eżerċizzi spiritwali tar-Randan għal kulħadd is-sena tmexxa mill-Kan. Noel Saliba. 26.02.2018

3. L-irtir ta' nofstanhar għall-Grupp tal-Adolexxenti tal-Form 2 inżamm fiż-Żebbuġ u tmexxa minn Francesco Pio Attard bl-għajnuna tal-animaturi tal-grupp. 19.03.2018

4. It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa kien jum iddedikat kollu lis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, li għalaq biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrar filgħaxija. 27.03.2018

5. Il-Via Crucis fil-Bażilika nhar l-Erbgħa tat-Tniebri tmexxiet minn Patri Marcello Ghirlando OFM b'talb speċjali għall-fejqan. 28.03.2018

6. Mijiet ħonqu l-Bażilika għall-funzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib u l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira dritt wara, li fiha żżanżnet bandalora ġdida tal-Passio Domini. 30.03.2018

7. Fil-Velja ta' Sibt il-Għid, wieħed miż-żewġ imgħammdin ġodda kien il-katekumenu Albaniż Relf Mirce, u għall-okkażjoni ntrama battisteru mdaqqas fuq il-presbiterju tal-Bażilika. 31.03.2018 [Ritratt: CVC Media]



1


2


3


5


4



















8. Fil-Pontifikal tal-Għid, l-Isqof Mario Grech ta s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lill-katekumenu adult li kien ġie mgħammed fil-Lejl ta' qabel. 01.04.2018 [Ritratt: CVC Media]

9. It-tlitt ijiem tat-Tridu tal-Festa liturġika ta' San Ġorġ tmexxew minn Mons. Ġużeppi Gauci. 19.04.2018

10. Il-Ħamis ta' qabel Jum San Ġorġ, fil-Bażilika nżammet laqgħa djoċesana għall-kreżimandi kollha Għawdxin bit-tema "Lejn il-Griżma mal-Martri żagħżugħ Ġorġi". 20.04.2018

# Ħarsa lejn kull bniedem

Dun Richard N. Farrugia



**Il-ħarsa tal-Knisja lejn l-IVF**

F'dawn l-aħħar xhur f'pajjiżna qamet diskussjoni dwar l-IVF u l-emendi li qed jiġu proposti għal-Liġi attwali li tirregolarizza l-qasam tal-prokreazzjoni medikament assistita f'pajjiżna, imsejħa l-*Att tal-Protezzjoni tal-Embrijuni*. L-*in vitro fertilisation* (IVF) hija teknika fejn it-tnissil tal-bniedem ma jsirx fil-ġisem (*in vivo*), imma 'l barra mill-ġisem uman (*in vitro*). L-Isqfijiet tagħna, f'għaqda mal-Papa, kienu taw valutazzjoni morali ta' din it-teknika fl-Ittra Pastorali tagħhom "L-għożża tal-ħajja – niċċelebraw il-ħajja umana" tas-26 ta' Lulju 2012.[1] Dakinhar Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof ta' Malta, u Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex saħqu li "l-Knisja Kattolika għandha d-dritt u d-dmir li tesprimi ġudizzju morali fuq ir-riċerka u fuq metodi tekniċi fir-rigward tat-tnissil tal-bniedem" (par. 8). Hi l-imħabba lejn kull bniedem, u lejn il-verità ta' kull bniedem, li ssuq il-ħidma tal-Knisja li bit-tagħlim tagħha ddawwal il-kuxjenza ta' dawk li huma membri tagħha, dixxipli ta' Kristu. B'din l-imħabba, l-Isqfijiet tagħna, b'fedeltà lejn dak li tgħallem il-Knisja, kienu tennew li "kull metodu tekniku li jieħu post l-att konjugali personali ma jkunx jirrispetta d-dinjità tal-persuna umana u tal-unità taż-żwieġ, u għalhekk ma jistax jiġi aċċettat. Mill-banda l-oħra, jistgħu jkunu aċċettati dawk il-metodi tekniċi li jgħinu l-att konjugali personali biex dan jilħaq l-iskop li titnissel ħajja umana" (par. 11).

It-tagħlim tal-Knisja fuq dan l-aspett għadu l-istess, l-istess kif hi l-ħarsa tagħha ta' mħabba lejn il-bnedmin kollha, ibda minn dawk l-aktar dgħajfa, jiġifieri l-embrijuni umani. Il-Papa Franġisku nnifsu fl-2014 kien qal lil grupp ta' tobba Kattoliċi: "Qed ngħixu fi żmien ta' sperimentazzjoni bil-ħajja. Imma sperimentazzjoni ħażina. *Nagħmlu* l-ulied flok ma nilqgħuhom bħala don, kif għadni kemm semmejt. Nilagħbu mal-ħajja. Attenti, għax dan hu dnub kontra l-Ħallieq: kontra Alla l-Ħallieq, li hekk ħalaqhom l-affarijiet".[2] L-imħabba tal-Knisja hija wkoll lejn il-koppji miżżewġin li ma jistax ikollhom ulied. Fuq din il-weġgħa kien tkellem il-Papa Franġisku fl-Eżortazzjoni appostolika *Amoris lætitia* fejn semma' l-adozzjoni bħala triq possibbli sabiex l-imħabba ta' bejniethom tkun għammiela: "Ħafna koppji miżżewġa ma jistax ikollhom tfal. Nafu dan kemm iġib tbatija miegħu [...] L-adozzjoni hi triq għat-twettiq tal-maternità u l-paternità b'mod ġeneruż ħafna, u nixtieq inħeġġeġ lil dawk li ma jistax ikollhom ulied biex iwessgħu u jiftħu l-imħabba tagħhom ta' miżżewġin biex jilqgħu fiha lil dawk li huma mċaħħda minn ambjent xieraq ta' familja. Żgur ma jiddispjaċihom qatt li saru ġenituri".[3] L-imħabba ħanina tal-Knisja hija wkoll lejn dawk il-koppji li għandhom it-tfal permezz tal-IVF. L-Isqfijiet tagħna fl-Ittra Pastorali msemmija kellhom kliem ta' kuraġġ biex dawn il-koppji jissuktaw il-mixja tagħhom fuq il-passi tal-Mulej Ġesù, bi spirtu ta' affidament u fi ftuħ lejn il-verità: "Lill-ġenituri ta' dawn it-tfal nagħmlulhom kuraġġ biex jafdaw fil-Ħniena ta' Alla u jfittxu t-triq tar-rikonċiljazzjoni magħhom infushom u mas-sejħa u l-missjoni tagħhom ta' ġenituri" (par. 23). Meta kien mistoqsi dwar tfal imnissla mill-IVF f'intervista mill-ġurnal *Illum*, l-Isqof tagħna stqarr li hu dejjem jifraħ quddiem id-don tal-ħajja. Semma' li fil-valutazzjoni morali tagħha, il-Knisja tħares lejn dawk il-prinċipji li jeħtieġ li jkunu osservati, fosthom l-ewwel wieħed li, skont it-tagħlim tal-Knisja, l-att li bih titnissel it-tarbija jrid isir flimkien mal-att li fih koppja tingħaqad flimkien.[4]

**Id-dritt għall-ħajja ta' kull bniedem**

It-tibdil propost fil-liġi attwali mhuwiex għajr konsegwenza tal-fatt li ladarba t-tnissil tal-bniedem beda jsir bi proċedura teknika kkontrollata mill-bniedem, allura l-bniedem-xjentist jew il-bniedem-adult li jixtieq ikollu wild, jittratta lill-embrijun bħala *oġġett ta' produzzjoni teknika*. Jekk il-liġi attwali ppruvat toħloq xi tip ta' garanzija u restrizzjonijiet kontra l-oġġettivizzazzjoni tal-embrijun uman, l-emendi jwaqqgħu bosta minnhom hekk li jmorru kontra s-sens tal-*protezzjoni tal-embrijun*. Kif stqarrew l-Isqfijiet tagħna dan l-aħħar, bl-emendi proposti "t-tarbija ssir oġġett li qiegħed hemm biss biex jissodisfa x-xewqa ta' ħaddieħor".[5] It-tħassib fuq dawn l-emendi mhuwiex biss tal-Knisja, imma anki ta' bosta akkademiċi,[6] xjenzati u persuni li jaraw l-effetti negattivi li dawn jista' jkollhom fuq dawk li suppost is-soċjetà għandha toffrilhom l-ogħla ħarsien.

Prinċipju diskuss huwa dak li hemm min isostni li fil-mument tat-tnissil u fl-ewwel jiem il-bajda fertilizzata ma tistax titqies bħala bniedem b'xi *dritt għall-ħajja* imma sempliċiment bħala ġabra ta' ċelloli. Il-Knisja, u kull bniedem li jilqa' l-evidenza tax-xjenza embrijoloġika, tagħraf li mill-mument tat-tnissil jibda proċess li huwa dak tal-ħajja tal-bniedem, u għaldaqstant hemm il-bniedem li





jistħoqqlu min jilqgħu u jħarislu ħajtu u mhux min jużah bħallikieku oġġett. L-bniedem-embrijun għandu dinjità li ma tingħatalux mill-oħrajn, imma li tinsab fih għaliex hu parti mill-ispeċi umana. Jekk jeżistu drittijiet *fundamentali* tal-bniedem, dawn għandhom ikunu mħarsa f'kull stadju tal-ħajja tiegħu. Minbarra dan, dawn id-drittijiet fundamentali ma jistgħux jiġu mkasbra minn bnedmin oħra fl-istadju adult tal-eżistenza tagħhom li jixtieq ikollhom l-ulied. Weġgħa frott xewqa mhux mitmuma ma tistax twassal biex toħloq ġrieħi fi bnedmin oħra li huma wkoll parti mill-familja tal-bnedmin.

## L-erba' emendi prinċipali u l-ħarsa tagħna fuqhom

Nistgħu niġbru l-emendi f'erba' punti.

**1** L-ewwel wieħed hu li bil-Liġi proposta huwa possibbli li kull min huwa adult u meqjus b'saħħtu fiżikament u mentalment jista' jsir ġenitur, anki waħdu. L-embrijun isir proprjetà ta' dawk li jixtiequ jsiru ġenituri: il-*prospective parent* jew *parents*. F'isem l-ugwaljanza jiġi kkalpestat id-dritt tal-aktar dgħajjef fis-soċjetà għas-sodisfazzjon tax-xewqat tal-adult. Hu fl-aħjar interess tal-imnissel li jikber, jitwieled u jitrabba fil-kuntest ta' relazzjoni bejn ommu u missieru. Kif jgħallem il-Papa Franġisku, "li nirrispettaw id-dinjità ta' tarbija jfisser li nisħqu fuq il-ħtieġa u l-jedd naturali tagħha li jkollha omm u missier" (*Amoris lætitia*, 172).

**2** It-tieni aspett tal-Liġi l-ġdida hu li jdaħħal il-possibbiltà li wieħed jagħmel donazzjoni anonima taċ-ċelloli għat-tnissil, jiġifieri tal-isperma (min-naħa tar-raġel) u tal-bajda (min-naħa tal-mara). B'dan il-mod ser jiġu mnissla tfal li qatt mhu ser ikunu jafu min huma wieħed jew iż-żewġ ġenituri naturali u bijoloġiċi tagħhom. Hekk dawn il-bnedmin se jkunu mċaħħda milli jkunu jafu l-għeruq tagħhom. Dan jista' jkun ta' detriment għall-iżvilupp tal-identità tagħhom. Ma' dan inżidu li mhijiex *donazzjoni* meta wieħed jagħti ċelloli li bihom jitnisslu wlied u fl-istess ħin ifarfar mir-responsabbiltà materna jew paterna. Kif jgħidu b'mod ċar l-Isqfijiet, "il-liġi l-ġdida qed toħloq orfni ġodda, u dan bi pjan".

**3** It-tielet aspett serju huwa li l-Liġi tippermetti s-surrogazzjoni tal-ġuf, jiġifieri li mara toffri l-ġuf tagħha biex fih jitrabba embrijun li mhijiex l-omm bijoloġika tiegħu. Ix-xjenza llum tgħidilna li fil-ġuf tinħoloq relazzjoni importanti bejn l-omm u t-tarbija li qiegħda ġġorr. It-tifrik tal-maternità jwassal għal sitwazzjoni fejn tarbija li tkun sawret rabta (*bonding*) ma' omm, issa tgħaddi biex titrabba minn mara li magħha din il-*bond* hija nieqsa. Kull tarbija għandha dritt għal ommha li tkun dik li nisslitha, ġarritha f'ġufha, tatha l-ħajja, wilditha u rabbietha. Il-liġi m'għandhiex toħloq qasma fil-maternità.

**4** Ir-raba' aspett huwa l-iffriżar tal-embrijun. Dan imur kontra d-dritt tal-embrijun li jiżviluppa u jikber. F'kumment li ta l-Isqof tagħna f'ġurnal, hu kkwota lil Jerome Lejeune (1926-1994), tabib u pedjatra, li jsejjaħ il-friża tal-embrijuni *a frozen concentration camp*.[7] Tinħoloq ukoll sitwazzjoni fejn ser ikollok numru kbir ta' embrijuni li l-Liġi tipprevedi li ser jingħataw għall-adozzjoni. Imma x'aktarx dan ser iwassal għal numru żejjed ta' embrijuni li wisq probabbli liġi ġdida mbagħad tippermetti li jkunu użati għar-riċerka jew mormija/meqruda.



## Ħarsa lejn kulħadd

Fid-diskussjoni li qed issir, spiss jidħlu argumenti li jaraw fir-riflessjoni offruta mill-Knisja xi tip ta' ndħil tagħha fil-qasam politiku ta' pajjiżna. Kif stajna nosservaw, it-tagħlim tal-Knisja matul dawn is-snin kien wieħed kostanti f'leġislaturi differenti. Il-Knisja, imdawla mill-Mulej Ġesù, l-Imgħallem tagħha, tikkontempla s-sbuħija tal-ħajja ta' kull bniedem, ibda mill-mument tat-tnissil sal-mument tal-mewt tiegħu. Hija ħarsa ta' *kompassjoni vera*, nieqsa minn soluzzjonijiet li jiddiskriminaw bejn bnedmin adulti u bnedmin li għadhom fl-istadju embrijonali tagħhom. Hija ħarsa *attenta* sabiex is-soċjetà tkun imsejsa fuq l-imħabba u l-għożża tal-ħajja ta' kull bniedem u hekk tinbena f'dik li l-Beatu Pawlu VI kien sejjaħ "iċ-ċiviltà tal-imħabba".

## Noti

1 Ara Pawlu Cremona–Mario Grech, Ittra pastorali *L-għożża tal-Ħajja. Niċċelebraw il-Ħajja Umana* (26 ta' Lulju 2016) : Mario Grech, *Ittri Pastorali 2006-2017*, Malta 2017, 225-233.

2 Franġisku, *Diskors lill-parteċipanti tal-Konvenju Kommemorattiv tal-Assoċjazzjoni tat-Tobba Kattoliċi Taljani* (15 ta' Novembru 2014) : http://laikos.org/Papa_Frangisku_Diskors_Tobba_15112014.htm.

3 Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Amoris lætitia [Il-ferħ tal-Imħabba]* (19 ta' Marzu 2016) 178, 179 : Reliġjon u Ħajja. Dokumenti 8.275-6, Malta 2016, 154.

4 Mario Grech, Intervista minn Yendrick Cioffi, f'*Illum* (4 ta' Marzu 2018) : http://www.illum.com.mt/ahbarijiet/socjali/51510/mhux_se_ninkwieta_ejjed_jekk_jitneew_ilkurifissi#.WwLp5jaQz4Y.

5 Charles J. Scicluna–Mario Grech, *Stqarrija tal-Isqfijiet Maltin dwar l-Att li jemenda l-Att dwar il-protezzjoni tal-Embrijuni* (14 ta' April 2018) : http://thechurchinmalta.org/mt/posts/76280/stqarrija-tal-isqfijiet-maltin-dwar-l-att-li-jemenda-l-att-dwar-il-protezzjoni-tal-embrijuni.

6 Ara, ngħidu aħna, Aa. Vv., *Embryo Protection (Amendment) Bill. Bill No. 38 (2018). Matters of concern. Reflections by academics* (May 2018) : https://0d2d5d19eb0c0d8cc8c6-a655c0f6dcd98e765a68760c407565ae.ssl.cf3.rackcdn.com/8d6cf1529ff625cb2d4f990ca732ef6cc3243f7f.pdf.

7 Mario Grech, *Ma nilagħbux mal-ħajja* (19 ta' April 2018) : https://laikosblog.org/2018/04/19/ma-nilaghbux-mal-hajja/.

# Mużew tagħna – Mużew għal kulħadd: għalaqna ħames snin!

Antoine Vassallo, President tal-Fondazzjoni Belt Victoria

"Mużew tagħna – Mużew għal kulħadd" kienet sensiela ta' artikli f'dan il-perjodiku (mill-ħarġa 168 ta' Mejju-Ġunju 2009) li fihom żammejt il-parruċċani, u tant benefatturi oħra, aġġornati dwar l-isforzi biex naslu għat-twettiq tal-'ħolma' li jkollna Mużew. U x'mużew! L-aħħar appuntament (id-19) kien fin-numru 186 ta' Jannar-April 2013: ħarġa speċjali biex tfakkar l-Inawgurazzjoni fit-23 ta' Frar b'tant mistednin prestiġjużi.




Peress li ma nħassx il-bżonn li s-sensiela tkompli, konna noffru informazzjoni permezz tal-Ktieb tal-Festa maħruġ annwalment mis-Soċjetà La Stella. U għandna wkoll il-paġna tal-Facebook u l-websajt www.heartofgozo.org.mt. Xorta xieraq li llum inħarsu ftit lura lejn dawn il-ħames snin – fl-organu uffiċjali tal-Parroċċa.

Ovvjament ma hux possibbli li nsemmi l-avvenimenti kollha li seħħew: wirjiet temporanji, żjajjar, konferenzi, donazzjonijiet, kxif ta' sezzjonijiet u esibiti ġodda... u attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Biex ħadd ma jħoss li "dan mhux għalija", ma għandniex biljett tad-dħul, iżda nilqgħu offerti. Nenfasizza li, biex niftħu mid-9.00am sal-5.00pm – u ġieli iktar ukoll – sebat ijiem fil-ġimgħa, niddependu minn numru qawwi ta' voluntiera li joffru ħin, ideat, ħidma amministrattiva u anki flus! Wara s-suċċess tal-iskema *150 agħmilhom elf* fl-ewwel perjodu, issa għandna l-*Ħbieb tal-Ħaġar* – u, għal darb'oħra, qegħdin jagħtu sehemhom bosta li mank huma Għawdxin!

Ospitajna żjajjar u sessjonijiet prattiċi għat-tfal tal-Primarja u studenti ikbar, kemm tal-Postsekondarja u kemm adulti. Interessanti ħafna l-esperjenza li ħolqu opri żgħar tal-arti 'ispirati' minn xi oġġett li għandna esibit. Ikollna żjajjar mill-kunsilli, parroċċi u entijiet oħra – il-maġġoranza minn Malta. B'mod regolari jiġu ndawwarhom ftit xi barranin fuq kors f'pajjiżna dwar fondi Ewropej. Kif nafu, l-iskema ERDF ipprovditilna finanzjar essenzjali, u aħna nikkoperaw mal-awtorità lokali kull meta mitluba, ngħidu aħna f'*open days*. L-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew organizza seminar fid-diversi spazji tagħna, inkluż il-bejt, li bdejna ntejbuh għal diversi skopijiet.



Ma jingħaddux iż-żjajjar 'privati' u uffiċjali minn personalitajiet pubbliċi, lokali u internazzjonali fl-oqsma ekkleżjali, kulturali u soċjali. Dawn jiġu għax saru jafu, jew ħajruhom, li mhux ta' min jitlef din l-opportunità, jew għal xi okkażjoni partikulari. Hekk jew hekk, jibqgħu immeraviljati, u jħallulna kummenti pożittivissmi anki fi żjajjar sussegwenti!






Esibizzjonijiet temporanji jkunu spissi minn artisti lokali u barranin, kollettivi u individwali, fil-pittura, tridimensjonali bħal skultura u ġojjellerija, u fotografiċi. Ma jien se nispeċifika ħadd minnhom, ħlief ritratti ta' knisja fl-Etjopja ddedikata lil San Ġorġ (fost il-Wirt Uman skont l-Unesco).

Iżda ma nistax ma nirreferix għal dik mal-MaltaPost ta' arti b'konnessjonijiet Għawdxin, mal-Ministeru tat-Trasport b'abbozzi għal arti fit-toroq, u ma' Heritage Malta b'mapep tal-Assedju. Kellna sensiela ta' attivitajiet biex titfakkar l-Ewwel Gwerra Dinjija u għandna vetrina li fiha jinbidlu oġġetti marbuta mal-kult Ġorġjan, bħal bajd tal-injam u skatoletti. Vetrina oħra speċjalizzata fil-Livell -1 hi tas-Soċjetà Filatelika Għawdxija, li bdew saħansitra jiġu għandna għal-LĠA.

Anki konferenzi (ħafna drabi illustrati) ma nkunux neqsin minnhom: dwar artisti, storja u żvilupp soċjali. Fosthom insemmi waħda tal-Isqfijiet Ewropej (Comece). Ġieli għażluna biex introduċew pubblikazzjonijiet, inkluż il-ktieb bl-Ingliż dwar il-Bażilika u l-Ħaġar li għadu għall-bejgħ. Għall-bejgħ ħriġna anki tliet litografiji artistiċi li ntlaqgħu tajjeb ferm.

Il-Ħaġar jospita diversi attivitajiet oħra, fosthom kunċerti. Għal dawn – u mhux biss – nikkollaboraw mal-VIAF, il-Festival Mediterranea, il-Kor Laudate Pueri u l-Iskola tal-Mużika. U nissieħbu anki f'inizjattivi bħal *Il-Milied f'Għawdex* tal-Ministeru għal Għawdex. Barra presepji, esibejna pasturi u purċissjoni.

Inizjattivi barra l-bini tal-Mużew inkludew irħama biex jitfakkar Patri Akkursju Xerri OFM, kif ukoll ħarġiet Malta u lil hinn.



Sa mill-bidu kellna skop ċar: li ma nikkuntentawx li nesibixxu oġġetti li għandhom użu limitat San Ġorġ – jew saħansitra twarrbu (minħabba bidliet liturġiċi) – iżda anki li nakkwistaw donazzjonijiet. Fost dawn hemm pitturi u abbozzi, dokumenti u muniti. Akkwistajna ċensier tal-fidda tal-Ottocento li ġieli anki 'ssellef' għal xi funzjoni. Dilettant kbir tal-arkeoloġija f'pajjiżu Iżrael sar ħabib tagħna sew, għax offrielna diversi oġġetti ta' interess storiku-bibliku sostanzjali, inklużi msiebaħ li jmorru lura sa mijiet ta' snin qabel Kristu. L-Ischola Polifonica Romana offrewlna għas-Sena tal-Ħniena ikona tradizzjonali (bil-bajd u d-deheb) turi l-*Pantocrator*.

L-Isqof ta' Għawdex Mario Grech ma kkuntentax billi jagħtina l-prosit, iżda wasslilna mitra tal-Papa Benedittu XVI, ma' dokumenti oħra. Dawn ħadu post importanti ma' diversi oġġetti ġerarkiċi, li magħhom żdied sett tal-korrispondenza direttament mingħand il-Papa Franġisku nnifsu. Imbagħad ma nistax ninjora l-fatt li Mons. Alfred Xuereb akkwistalna suttana kardinalizja mingħand Franġisku (li daħal biha għall-Konklavi) u, minn id Benedittu, l-aħħar kallotta papali.

Nesprimi ringrazzjament lil dawn f'isem kulħadd, bit-tama li qatt ma jonqsu! Ma nistax ma ninnutax il-fiduċja murija f'tant għotjiet (jew self fit-tul) u għajnuna oħra.

Sintendi, post bħal dan qatt ma jkun 'lest'. L-aħħar kamra li armajna hi l-Arkivju Mużikali tal-Professur Joseph Vella fuq il-Livell 3. Konna ilna nippjanawh u nippreparawh miegħu stess, u din ix-xewqa tas-Surmast twettqet għall-ħames anniversarju ta' Il-Ħaġar. Il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2018 kellna kunċert fuq *square piano* li kien irregalalna (bejn il-Bażilika, is-swali taċ-Ċentru Parrokkjali u l-Mużew, għandna sett sħiħ tal-iżvilupp storiku tal-pjanu sa mill-klaviċembalu), il-ftuħ ta' wirja dwaru, u ktieb kommemorattiv li nħataf! Is-Sibt 24 fakkarna l-inawgurazzjoni tal-Arkivju b'kunċert u diskorsi. Il-Ħadd kellna l-quddiesa ta' ringrazzjament – kull sena nagħmlu jum quddies b'suffraġju u għall-bżonnijiet tal-benefatturi – u ikla. Kif nafu, dik il-lejla stess, il-Professur Vella ħalliena! Imma ħallielna firxa wiesgħa ta' memorji, u din il-kamra mgħammra b'tant manuskritti u tifkiriet oħra għad-dispożizzjoni ta' dilettanti u riċerkaturi.

Wettaqna ħafna... u l-isforzi apprezzati!

# Messaġġ fil-Funeral tal-Professur Joseph Vella

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria
Is-Sibt 3 ta' Marzu 2018
Mons. Joseph Curmi, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ



*Għażiża Nathalie, Alan u Nikky, kif ukoll intom ilkoll preżenti.*

Bħala l-Arċipriet ta' din il-Parroċċa, xtaqt nagħmel messaġġ żgħir. Dan il-messaġġ nixtieq nagħmlu mhux f'ismi u isem il-komunità tal-lum biss, iżda f'isem l-Arċiprieti u l-komunitajiet ta' qabel li għal iktar minn sittin sena sħaħ ħadmu ma' dan il-benefattur kbir kemm tal-Bażilika, tal-Kor tal-Parroċċa Laudate Pueri, kif ukoll tas-Soċjetà Filarmonika La Stella. Nixtieq nagħmel dan il-messaġġ ukoll f'isem il-membri tal-komunità Ġorġjana ta' għada li, imqanqlin mill-mużika li tgħallmu fil-bennieна, għad jistaqsu min kien is-Surmast Vella.

Il-mewt tas-Surmast ħasditna lkoll. Id-diqa folta taqtagħha b'sikkina. Mingħajr ma titlissen kelma, tħoss li fil-komunità ġrat xi ħaġa kbira. Iżda bir-raġun… għax miet ġgant. Iżda dan il-ġgant qatt ma ħares minn fuq għal isfel lejn ħadd. Bħall-għaref ta' veru hu kien iqis il-kapaċitajiet li kellu bħala don minn Alla li jrid jaqsam mal-oħrajn. L-umiltà li biha kien ikellem lil kulħadd kienet kważi kważi tħawdek, b'ġenju daqsekk saqajh mal-art. Ħbieb, dan hu wieħed mis-sinjali l-kbar tal-maturità umana u Kristjana li, għalkemm taf li għandha f'idejha don kbir, tagħraf li kulma għandha ngħatalha, u hekk is-Surmast kien kapaċi jgħin u jirrispetta sew lill-kbir fis-soċjetà u sew liż-żgħir. U għalhekk aħna nibku. Il-Parroċċa tagħna hi xxurtjata immens li fi ħdanha kellha persunaġġ ta' dan il-kalibru mhux biss fil-ġenju imma wkoll fl-umanità.

Is-Surmast Vella kellu vokazzjoni kbira u bżonnjuża fis-soċjetà li fiha ngħixu. Hu kellu r-riċetta li biha jdoqq il-kordi tal-qlub u jerfagħhom lejn is-Sema. F'dinja fejn diffiċli tidħol fi klima ta' talb, is-Surmast tana ġawhar ta' mużika li juruna s-sbuħija ta' Alla. Xħin tisma' l-arranġamenti tal-innijiet *Tina l-ħlewwa, Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema, Fil-ħlewwa ta' Mejju*, u *Riesaq il-lejl, Mulejja*, bla ma trid tistaqsi: Jekk il-ħolqien hu tant sabiħ, kemm hu isbaħ il-Ħallieq?

Għażiż Surmast, grazzi. Grazzi li bil-mod tiegħek għamilt prietka li tmiss il-qlub iktar mill-kliem. Grazzi li għall-parroċċa tiegħek tajt tant enerġija u dedikazzjoni. Il-Mulej li jgħidilna: "Kont bil-ġuħ, bil-għatx, barrani, għeri, marid u l-ħabs u kontu miegħi" (ara Mt 25:31-46), jara fik dak li bid-doni tiegħek ferraħt il-qlub. Grazzi, għaliex fost tant ġawhar li ħallejtilna tajtna l-innu tal-għaqda, l-innu li minn żgħar sa kbar, anki b'saħħithom jew morda f'sodda, ilkoll malli nisimgħu l-ewwel noti tiegħu jixgħel fina l-imħabba lejn dak li jgħaqqadna bħala komunità, l-imħabba lejn dak li jimbuttana nimxu wara Kristu, l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ, "il-Kampjun tal-qaddisin". U hekk int idderiġejt il-qlub tal-Ġorġjani u tkompli tidderieġi lil tal-futur biex b'ħeġġa jagħmlu din it-talba lil San Ġorġ li llum nixtieq nagħmilha f'ismek: San Ġorġ, San Ġorġ, ħarisna u ħudna ħdejk fis-sliem. San Ġorġ, ħarsu, ħudu ħdejk fis-sliem.

Strieħ fis-sliem. Grazzi, għażiż Surmast!



# Diskors ta' tislima lill-Professur Joseph Vella fil-Funeral tiegħu

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria
Is-Sibt 3 ta' Marzu 2018
Mons. Dr Joseph Farrugia



"*Posuisti, Domine, super caput eius coronam de lapide pretioso.* Kuruna ta' deheb fin qegħedtlu fuq rasu" (Salm 21:4).

Dawn il-kelmiet tas-salmista, li fl-1957 wieħed żagħżugħ mużiċista poġġa għall-mużika f'ġieħ żagħżugħ ieħor, Ġorġi ta' Lidda, huma magħrufa sew mal-ħitan ta' din il-Bażilika; forsi ftit jissemmew 'il barra minnhom, imma fil-fatt jesprimu, fil-fehma tiegħi, l-ispirtu tal-poeżija Eliżijaka, il-ġmiel tal-*pulchrum* Agostinjan u l-kreattività umana li fis-Surmast Joseph Vella kienu l-*leitmotiv* tal-ħajja personali, soċjali, akkademika, mużikali u kulturali tiegħu.

Minn dak li naf dwar Joe Vella jiena m'għandix dubju li Alla, meta ħasbu, qegħedlu kuruna ta' deheb fin fuq rasu. Din kienet il-grazzja li Alla offrielu. Sintendi, kien imbagħad għalih li l-kuruna jilbisha, jimmeritaha, fi kliem San Pawl, "jaħdem għaliha" u jippermettilha ttellgħu *"sul trono vicino al sol"*.

Forsi wieħed jaħseb li dan hu kliem kbir wisq li qed ngħid, l-aktar fid-dawl tal-umiltà u s-sempliċità tal-persuna li dwarha qed nitkellem. Fil-fatt, wara l-mewt tas-Surmast, il-kelma fl-akkademja u fis-suq kienet waħda: Kemm kien umli! Kemm kien twajjeb u ġeneruż! Konna sikwit narawh hawnhekk, għaddej f'nofsna, f'dawn il-jiem tax-xitwa bil-barnuża f'rasu, bil-pass ħafif tiegħu, wiċċu daħkan, isellem lil kulħadd, jieqaf jgħid kelma ma' dak jew xi persuna oħra, ipoġġi magħna fuq mejda bla kumplimenti, jitkellem b'ħeġġa fuq ix-xogħol li jkollu f'idejh... dan l-aħħar it-tlestija tal-arkivju tal-kompożizzjonijiet tiegħu li, fi ħsieb wieħed magħkom, għażiża Nathalie u wliedkom, hu ried li jħalli fil-Mużew Il-Ħaġar għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Nerġa' ndur lejk, għażiża Nathalie, u lejkom, għeżież Alan u Nikki u l-familja kollha tagħkom, u nitlobkom tħallu lili u lil dawn kollha li hawn madwarkom naqsmu magħkom in-niket kiefer ta' dan il-waqt. Kienet xokk kbir għalikom u għalina l-mewt għall-għarrieda tal-maħbub tagħna. Imma l-faraġ tagħkom u tagħna hu li waqt li, veru, dan kien xokk għalina, imma għal Alla ma kienx. Ta' Missier twajjeb li hu, Alla jsejjaħ lil uliedu, wieħed wieħed, waħda waħda, fl-aqwa mument tal-ħajja tagħhom, u lill-Maestro Joseph Vella – ħuti – Alla sejjaħlu għal għandu fl-aħjar mument tiegħu, jiġifieri meta l-kuruna ta' deheb fin li Alla kien ħejjielu, is-Surmast kien immeritaha fil-milja tagħha.

Kif ħa naqbad niġġustifika dan li qed ngħid? Imma, hemm bżonn niġġustifikah? Isimgħu x'qalu għalih dawk li lill-Mro Vella kienu jafuh, kienu ltaqgħu miegħu, ħadmu miegħu, tpaxxew bil-kompożizzjonijiet tiegħu, assistew għall-eżekuzzjonijiet mużikali tiegħu, tħarrġu taħt id-direzzjoni tiegħu, tgħallmu mis-sengħa u l-esperjenza tiegħu, ħarġu għal karrieri brillanti taħt il-bakketta tiegħu, ispiraw ruħhom mis-suċċessi tiegħu, qawwew qalbhom mill-istinazzjoni organizzattiva tiegħu, u fuq kollox kibru personalment bil-paċenzja, il-kelma ta' kuraġġ u l-imbuttatura tiegħu.

Hekk kif ħarġet l-aħbar tal-mewt ta' Joe Vella, il-midja elettronika nfaqgħet b'paġni ta' tislimiet minn Malta u Għawdex kollha u minn diversi pajjiżi oħra tad-dinja, u dawn kienu paġni mhux biss ta' tislimiet bi swied il-qalb għal persuna maħbuba – għax kull min iltaqa' ma' Joe Vella, ħabbu – imma wkoll b'apprezzament tal-merti uniċi, it-talenti straordinarji u l-wirt mużikali kbir li ħallielna. Kulħadd kien kelma waħda: Il-Mro Vella kien ġgant fil-kultura kontemporanja ta' pajjiżna, u dan ngħidu sewwasew għax minnu gawda mhux biss pajjiżna imma wkoll id-dinja. Biżżejjed ngħid li Joe Vella hu kompożitur Malti li tabilħaqq poġġa isem pajjiżna fuq il-mappa mużikali tad-dinja. U dan se narawh dejjem aktar ma jgħaddi ż-żmien.

Iva, Surmast, kif kont imnebbaħ li nsellimlek fl-ewwel lejla tat-tlett ijiem f'ġieħek, inti tabilħaqq "ġgant tal-kultura kontemporanja Maltija".

Inti iben kbir ta' din il-gżira ta' Għawdex, fejn smajt f'widnejk l-ewwel frażijiet tal-armonija u fihom għaraft 'il ruħek, fejn tħarriġt fil-mużika ma' missierek is-Surmast Ġanni Vella u fejn bdejt spontanjament tiskopri l-potenzjal artistiku, jiġifieri d-deheb fin, li bih Alla żejnek.

Inti wild hieni għal dawn il-gżejjer li fihom trabbejt, meta l-kuntest artistiku soċjali, mhux biss ta' Għawdex imma wkoll ta' Malta, kien mhux tant akkademiku daqskemm dilettantesk, għalkemm b'saffi daqqa moħbija u daqqa mikxufa ta' brillantezza mużikali. Kuntest artistiku soċjali li inti kont destinat li tikkontribwixxi bi kreattività u professjonalità liema bħalha għall-emanċipazzjoni tiegħu.

Inti, kif ġie mtenni tant drabi f'dawn l-aħħar jiem, int tabilħaqq ġgant mużikali tal-poplu tagħna li sa mis-snin li fihom bħala student ikkollaborajt mal-poeta Ġorġ Pisani biex timmużika l-innu tiegħu *Lil Għawdex*, (iva,



sa minn żgħożitek) bdew jixirfu fik l-ispunti tad-deheb fin li nkurunawk bħala l-innovatur kreattiv li sirt fil-mużika kontemporanja ta' pajjiżna, il-kompożitur versatili u oriġinali li f'Malta mmeritajt isem fuq kull isem, ir-riċerkatur tal-mużika Barokka midfuna u minsija fil-Katidral tal-Imdina li reġġajt għad-dawl u l-widna tagħna, l-edukatur li ta forma ġdida lit-tagħlim tal-mużika f'pajjiżna, il-promotur ta' talenti artistiċi Maltin u Għawdxin li llum jonoraw it-teatri operistiċi ta' pajjiżna u tad-dinja, id-direttur mużikali artistiku li ma striehx fil-fama ta' orkestri kbar bħall-Filarmonika ta' pajjiżna u ta' pajjiżi oħra, imma sab ħin – u dan il-ħin, Surmast, inti bqajt issibu sal-aħħar – biex tħeġġeġ u tħarreġ fil-mużika anki lil min mhux tant espert jew professjonali, imma mimli b'ħeġġa għall-mużika f'baned bħal din li inti tant ħabbejt, is-Soċjetà Filarmonika La Stella, li ħabbitek, tkabbret bik u llum qed tibki t-telfa tiegħek.

Ħafna qegħdin jibku t-telfa tiegħek. Iva, qed tibki t-telfa tiegħek is-Soċjetà Filarmonika La Stella ta' din il-Belt Victoria li tagħha inti kont Surmast direttur għal tmienja u erbgħin sena, u dik tal-Konti Ruġġieru tar-Rabat ta' Malta li inti mexxejt għal erbgħin sena. Imma l-aktar il-Banda La Stella li l-arkivju tagħha inti żejjintu b'kompożizzjonijiet mużikali, speċjalment marċi funebri, li m'hawnx soċjetà mużikali li ma tixtiqhomx tagħha.

Qed tibki t-telfa tiegħek l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, li tagħha inti kont pjunier, li ddiriġejt għal bosta snin u pprovdejtha b'kompożizzjonijiet ġodda bħala l-kompożitur residenti tagħha. Għamilt minn din l-orkestra waħda li l-orkestrali tagħha jiftaħru biha u jħossuhom onorati li jiffurmaw parti minnha.

Qed jibku t-telfa tiegħek is-swali tal-mużika u t-teatri tal-opra, l-iskejjel u istituzzjonijiet akkademiċi f'Malta u bosta ċentri kulturali barra minn Malta, li ospitaw l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet tiegħek jew gawdew mid-direzzjoni mużikali tiegħek, ewlenin fosthom it-Teatru Manoel tal-Belt Valletta u partikolarment it-Teatru tal-Opra Astra fejn mhux biss iddiriġejt mas-sittin rappreżentazzjoni operistika, imma fejn tellajt il-livell tal-opra f'Malta għal-livell tal-aqwa teatri tal-opra fl-Ewropa.

Qed tibki t-telfa tiegħek din il-Bażilika Ġorġjana, li llum, minn mindu kont abbati fiha, qed tilqgħek mingħajr il-bakketta f'idek, lesta biex tidderieġi l-mużika fil-jiem tal-Festa ta' San Ġorġ: il-mużika ta' Monsinjur Giuseppe Farrugia li inti tant ħeġġiġt biex il-kollaboratriċi tiegħek Dr Maria Frendo teditja ħalli f'lejliet San Ġorġ tkun esegwita, u l-mużika tiegħek ta' jum il-Festa, il-Quddiesa *Mass in D* f'ġieħ San Ġorġ Martri, li l-fama ta' ġmielha tiġbed lejn Għawdex dilettanti tal-mużika minn kull rokna ta' dawn il-gżejjer, bis-salm famuż *Laudate* u l-innu, li donnu llum hu terġa' aktar magħruf, *Georgius natus est*.

Qed jibki t-telfa tiegħek il-Victoria International Arts Festival, li twaqqaf fl-1998, imma li bil-kontribut tiegħek fis-snin ta' wara sar l-akbar festival tal-mużika f'pajjiżna u l-itwal b'serati ta' kuljum fuq medda ta' ħames ġimgħat, u l-aktar kulturalment għoli b'uħud mill-aqwa *performers* tal-mużika kantata u strumentali miġjuba bis-saħħa tiegħek f'pajjiżna.

Qed jibki t-telfa tiegħek il-Kor Laudate Pueri, id-Direttur mużikali tiegħu l-Kanonku George J. Frendo u l-leader Dr Maria Frendo u l-membri kollha tiegħu li, fuq il-medda ta' aktar minn erbgħin sena li ilu wieqaf, kien tant qrib tiegħek u inti tiegħu. Il-kburija li kellek bih, il-kompożizzjonijiet li għamilt għalih u l-kollaborazzjoni li inti sibt fih huma għalina – għax jiena nħossni, kif dejjem ħassejtni, membru tiegħu – memorja li m'aħna se nitilfu qatt.

Qed jibki t-telfa tiegħek il-pjanoforte f'darek, Joe, u f'dar martek u wliedek, issa sieket, u jibku t-telfa tiegħek il-karti vojta mixtieqa min-noti tiegħek, dawk tat-tielet att tal-opra li se tibqa' l-kompożizzjoni inkomplita tiegħek, monument għall-ħruxija tal-mewt li twaqqaf, iva, il-ġirja tal-linka fuq il-linji tal-manuskritt, imma li fl-istess ħin ixxandar l-infinità tal-ispirtu artistiku li jissupera l-ħajja fuq l-art, u b'indifferenza lejn l-art jipprojetta l-ħajja tal-bniedem fis-Sema fejn illum, il-Mro Joseph Vella, bla dubju, diġà għamel isem bil-kreattività, l-oriġinalità mużikali tiegħu.

Qed jibki t-telfa tiegħek il-Mużew Il-Ħaġar li inti xtaqtu sa mill-bidu u li inti ridtu jospita l-patrimonju mużikali tiegħek, imma l-Fondazzjoni Belt Victoria fl-istess waqt tifraħ fil-fiduċja li inti u l-familja tiegħek urejtuha u titkabbar bil-wirt mużikali li bih żejjintha.

Insellimlek, għażiż Surmast. Insellimlek flimkien ma' martek, ħutek, uliedek, qrabatek u ħbiebek, u dan il-poplu kollu hawn miġbur madwarek. Insellimlek din il-Bażilika li l-ġmiel tagħha stagħna bil-ġmiel tal-mużika tiegħek. U nirrikkmandawk lil Alla l-Missier li tant ħabbek. Ħa tistrieħ ruħek fis-Sema, Joe. Jitbierek ismek fostna u jissokta jferraħna l-ġenju mużikali tiegħek permezz tal-ħidma tagħna u ta' dawk fostna li, bl-għajnuna ta' Alla, ikomplu l-azzjoni umana u mużikalment divina tiegħek.

Hekk – għażiża Nathalie u għeżież Alan u Nikki u l-familji tagħkom, għeżież aħwa ta' Joe u qrabatu, għeżież ħbieb – il-kuruna ta' deheb fin li l-Mulej qiegħed fuq ras is-Surmast Joseph Vella ma tgħib qatt.



# Dejjem f'qalbna!

Il-Kan. George J. Frendo

Jien, ngħid għalija, ma nafx id-dinja mużikali mingħajru. Għandi nifhem li m'iniex waħdi lanqas. Is-Surmast dejjem hemm. B'dik id-daħka simpatika, dik il-paċenzja ta' Ġob, jikkoreġi bil-kalma, jindunma bl-iċken żball minn seba' mili bogħod, b'widna mużikali finissma, b'kapaċità maġistrali fiċ-ċarezza tat-taħbita… Nista' nibqa' sejjer. Dejjem hemm nafu. Jimla kullimkien, mhux biss mingħajr ma jagħti fastidju, iżda b'mod tali li ma timmaġinakx mingħajru. Daqshekk u aktar kien is-Surmast.

Ma nafx x'ma ntqalx dwar il-kapaċità kreattiva tiegħu fil-kamp mużikali. Iżda ma' nies bħalu l-kliem dejjem nieqes. Għax kif ħa tkejjel il-ġenju? Għax tassew li fuq ġenju mużikali qed nitkellmu. Il-ġenju ma jitkejjilx bir-rigla tal-istorja. L-istorja jagħmilha hu, proprjament. Ma nafx x'kienu jkunu l-ħafna mingħajru. Jien l-ewwel wieħed. Tħares lejh iħabbat kienet lezzjoni. Naturalment, għal min ried jitgħallem. In-naqra li naf f'dan il-qasam, lilu nafha. Mhux għax smajtu fl-awli tal-università, imma għax rajtu, osservajtu sa minn ċkuniti fis-sala tal-kunċerti tal-Każin tal-Banda La Stella li, tant mhux biss kienet għal qalbu, daqskemm kienet f'qalbu. Kont għadni daqsxejn ta' tifel meta kont immur maz-Ziju George għall-kunċerti. Ma kontx nitlef wieħed. Għadha mwaħħla f'moħħi dik il-ħarsa penetranti tiegħu li jkellmek biha. Miegħu fis-sod tal-għaġeb kienet tkun il-Banda. It-tempijiet diversi kien jikkomunikahom b'ġesti ċarissmi u b'mod mill-aktar essenzjali. Is-sempliċità kienet tappartieni għalih bħad-dawl lix-xemx. B'sempliċi nifhem bla konfużjoni. L-ikkumplikat kien iġibu sempliċi u ċar daqs il-kristall.

Is-sempliċità kienet tiddistingwih f'kull qasam u ma ħallietu qatt. Min kien jarah għaddej fit-triq, kif seta' jgħaddilu minn moħħu li dak kompożitur ta' ħila kbira u ta' fama akbar, li l-kompożizzjonijiet tiegħu huma ta' natura varja u li ma hemmx kumbinazzjoni ta' strumenti mużikali taħt is-sema li ma kkomponiex għalihom? Il-mużika kienet ħierġa minnu bħall-ilma ġieri minn għajn safja. "Surmast, iktibli marċ; iktibli innu; iktbilna quddiesa; iktbilna sinfonija… u l-bqija". U l-mużika ħierġa. Ma jieqaf qatt. Ma setax jieqaf lanqas. Kif tista' żżomm ix-xemx milli ddawwal? Kif tista' żżomm in-nar milli jsaħħan? Kif tista' żżomm id-dinja milli ddur? Natura kienet għalih il-mużika. Jien naħseb sinċerament li hu kien jgħid bejnu u bejn ruħu: "Dawn biex qed jiskantaw? Għalfejn dal-għaġeb kollu? Għandhom jiskantaw jekk nieqaf milli nħalli lil qalbi tkanta…". Għalih il-ġmiel tal-melodija kien naturali. M'hemm xejn sfurzat fil-mużika tiegħu. M'hemm



Abbati ta' ftit snin fl-1952 (quddiem fuq ix-xellug) flimkien ma' (Mons.) Carmelo Mercieca (warajh), u James Scerri u (warajh) il-kuġin Joe Vella. [ħajr: Mużew Il-Ħaġar]



Mal-kast tal-Opra lirika Norma mtellgħa fit-Teatru Astra fl-1990.



Mal-Arċipriet emeritu Mons. Salv Borg fiċ-Ċentinarju tal-2003. [ritratt: JJP Zammit]





Mal-katuba u l-mibki Nenu Grech waqt marċ fil-Festi ċentinarji tal-2003. [ritratt: JJP Zammit]

xejn li jimbuttak fil-mużika tiegħu. Anzi, tiegħu qatgħa xħin tispiċċa. Staqsi lil dawk il-mijiet imsaħħra waqt il-Pontifikal, ikona ta' ċelebrazzjoni liturġika, fis-Solennità ta' San Ġorġ Martri, ittrasformati b'dak il-ġmiel tremend ta' mużika li ħarġet bla nikta minn qalbu! Seħer u splendur ta' mużika liturġika, meqjusa, sabiħa, melodjuża bla ma taqta', kant għaddej il-ħin kollu, fraseġġi li jħolluk bix-xeħta lirika mingħajr ma hija melodrammatika. Kulħadd iridha. U bir-raġun! Mela n-natura mhux għas-sabiħ tagħmel?!

Edukatur kbir kien. Anzi, jistħoqqlu t-titlu ta' *magister magistrorum*: l-għalliem/edukatur tal-għalliema/edukaturi, is-Surmast tas-surmastrijiet. U bħal kull edukatur li ismu mhux irħis, ħafna ma kinux ikunu dak li huma mingħajru. Qatt ma żamm għalih. Ma kienx jibża' li jeħdulu postu. Li kien jaf tah kollu lil min kien dispost li jilqgħu. Ħadd ma jista' jgħid li mar fejnu jitolbu jurih xi ħaġa u baqa' b'idu f'idu. Il-problema mhux tad-donatur kienet, iżda l-kapaċità ta' min kien qed jilqa'! Ħafna huma ġustament midjuna lejh. Fosthom insemmi tliet entitajiet li huma dak li huma llum minħabba fih: San Ġorġ, il-Banda/Soċjetà Filarmonika La Stella, il-Kor Laudate Pueri. M'iniex qed nippretendi li qed nitkellem f'isem dawn l-entitajiet. Iżda żgur li nkunx nonqos jekk inżomm lura milli nesprimi sens ta' gratitudini dejjiema lejn dan il-benefattur instankabbli. X'kienet tkun il-Festa ta' San Ġorġ mingħajru? Diġà aċċennajt għad-djamant ta' prestiġju kbir li hi l-*Mass in D: Princeps Martyrum in honour of St George*. Mhux hi biss, iżda l-partijiet kollha tal-quddiesa, mhux l-inqas il-Kantata *Laudate Pueri* li tkompli tixhed għall-kreattività mużikali inkomparabbli li biha kien imżejjen qatigħ. Mhux biss. L-Għasar tas-Solennità li huwa sinonimu mal-ħlewwa u l-grazzja tal-melodija li malli tisimgħu, tgħid: "Dan hu... dan tiegħu". Imma mhux fil-jum tas-Solennità biss jeżawrixxi ruħu l-ġenju tas-Surmast. X'ngħidu għall-*Victoria International Arts Festival* maħsub apposta bħala triq tad-deheb – *via aurea* – li twassal għall-Festa tal-Patrun glorjuż tagħna? Festival ta' mużika klassika ta' kull tip mifrux fuq ħames ġimgħat, li jġib lejn il-Belt Rebbieħa artisti, mużiċisti mill-erba' rjiħat tad-dinja, u li għal ħames ġimgħat jagħmel mill-Belt Victoria ċ-ċentru kulturali ta' pajjiżna? Min qatt kien joħlomha din? Tassew, fejn ma ssib lil ħadd, issib lilu. Festival li jesponi liż-żgħażagħ tagħna għal mużika ta' kwalità għolja ferm li biss tista' tispirahom għal livelli dejjem ogħla? U dan kollu b'xejn. Hekk kien is-Surmast. F'qaddisu kienet li jagħmel minn kollox biex il-ġmiel ikun aċċessibbli għal kulħadd. Nista' nibqa' sejjer. Miegħu ma tiqafx. U fi ħdan il-parroċċa li wellditu għas-Sema, grat fuq li grat hu l-Mużew Il-Ħaġar li tant kien marbut miegħu, u kif jgħidu l-Ingliżi, kien *"all out"* għalih. Ġest nobilissmu u li jixhed għall-istima li kien igawdi f'għajnejh il-Mużew tagħna kien id-donazzjoni tal-mużika kollha tiegħu, bl-iskiżżi kollha ta' kull singola kompożizzjoni. Wirt imprezzabbli u mhux kwantifikabbli f'termini monetarji. Xewqa tiegħu espressa pubblikament li l-mużika tiegħu tkun aċċessibbli f'post mill-aktar idonju u li jippermetti lil studjużi, mużiċisti u l-bqija li jinżlu fil-fond tat-teknika tal-kompożizzjoni distinta tiegħu.


Mal-Kor Laudate Pueri f'April 2006. [ritratt: JJP Zammit]


Jidderieġi l-Innu l-Kbir fil-ħruġ tal-Purċissjoni tal-Festa ta' San Ġorġ fl-2004. [ritratt: JJP Zammit]


Jidderieġi l-Kunċert finali tal-Victoria International Arts Festival f'Lulju 2017. [ritratt: Sam Cefai]


Juri kuntent lill-Isqof Mario Grech l-Arkivju mużikali li hu ta lill-Mużew Il-Ħaġar fi Frar li għadda. [ritratt: Sam Cefai]

Mhux l-istess tgħid is-Soċjetà Filarmonika La Stella? Żgur u m'hemmx dubju li jekk qatt kienet ittieħdet deċiżjoni tajba fi ħdanha, kienet proprju li jiġi avviċinat hu, żagħżugħ għadu kif iżżewweġ u fil-ftuħ tal-karriera f'Malta, sabiex jieħu f'idejh it-tmun tad-direzzjoni mużikali tal-Banda tagħna. Tassew li l-istorja tat raġun lil min kien involut fil-proċess tal-għażla. U kif jgħidu, ix-xemx minn filgħodu turik! U x'ma wrietx din ix-xemx! Naturalment, kif kien jgħidli missieri, Alla jagħtihom it-tnejn mitt ġenna, *"high peaks attract storms"*. Iżda kien ikompli: *"the storms pass, the peaks remain"*! U hemm għadha l-quċċata u hemm tibqa'. Tibqa' bilfors, għax kull fejn tħares, tarah. Mhux biss tarah, imma tisimgħu! X'ma kkomponiex għall-banda ta' qalbu? Meravilja ta' mużika bandistika ta' kull ġeneru, mhux b'inqas il-famużi marċijiet funebri li naħseb li tassew jikxfuh. Fis-sens li fihom ma kienx iżomm lura s-sentimenti liriċi ta' qalbu. Minjiera ta' melodiji fihom. Melodiji li jqanqluk, melodiji li jibqgħu miegħek u li ssib lilek innifsek tkantahom/issaffarhom ferm wara li jkunu spiċċaw il-marċijiet. Is-Surmast ma jħallikx! Imma minn fejn kien iġibhom dawk il-ġmiel ta' melodiji? Dak li għal ħaddieħor hu ħolma, għalih kien realtà. Mużiċista ta' viżjoni li introduċa siltiet klassiċi li tant għollew 'il fuq il-Banda li kienet ġibdet l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Għadni niftakar l-ewwel żewġ movimenti tal-*Fifth Symphony* ta' Beethoven. Kont se nikteb il-"famuża". Iżda billi tiddeskrivi l-*Fifth* ta' Beethoven bħala famuża ma tkun għidt proprju xejn. Dik hi dik li hi. U l-Banda kienet iddoqq *"under its own steam"*, kif jgħidu l-Ingliżi. Nista' nkompli sejjer... Iżda kif ma nsemmix l-opri liriċi li dderieġa bis-solita maestrija u attenzjoni għall-iċken dettall, li poġġew it-Teatru Astra fuq il-mappa tad-dinja operistika, spalla ma' spalla mal-aqwa fil-qasam? Direttur artistiku tal-Festival Mediterranea li jgawdi fama tajba ferm u li kompla jagħmel minn Għawdex destinazzjoni kulturali tal-ogħla livell.

Ma nistax nagħlaq dawn il-ħżuż fqajra iżda ħierġa minn qalbi mingħajr ma naċċenna għall-gratitudni kbira tal-Kor Laudate Pueri lejn is-Surmast. Kantajnielu minn kollox. U hekk nibqgħu nagħmlu sakemm Alla jippermetti. Kitbilna minn kollox. Motetti sagri ta' kull tip. Iżda naħseb li żgur li ma niżbaljax jekk ngħid li kellu sensibbiltà partikolari għall-kompożizzjonijiet għall-vuċijiet femminili. Ma rridx ninstema' li qed niftaħar, iżda l-*blend* tas-sbuħija tal-vuċijiet femminili tal-Kor kienet ta' ispirazzjoni qawwija għalih. Dan jixhduh il-motetti sagri li kkompona speċifikament għalina u li kull darba li nkantawhom huma proprju *"direct hit"* mal-udjenzi kullimkien. X'ma humiex assolutament sbieħ l-Innijiet ta' Dun Karm Psaila mmużikati minn Ġużeppi Caruana li s-Surmast irranġahom għal erba vuċijiet femminili, li jqajmulek ġismek xewk xewk kull darba li tismagħhom? Hu ssokta jgħin bil-kbir il-Kor tagħna li kanta bħala l-ewwel kor femminili *a cappella* f'Malta. Kien strumentali wkoll biex kien l-ewwel kor li ħareġ CD ta' mużika *a cappella* f'Malta. Nista' nibqa' sejjer. Iżda ħa nieqaf hawn. Tassew miegħu wieħed ma jiżbaljax jekk jgħid li qablu f'Malta x-xena mużikali kienet mod, warajh kienet mod ieħor!

Daqshekk kien fundamentali għall-mużika f'Malta, Joseph Vella.








# Prietka ta' San Vinċenz Ferreri (1350-1419) dwar "San Ġorġ, is-sagrifiċċju u l-martirju bla tebgħa tiegħu"

**Dan il-paniġierku ta' San Vinċenz Ferreri ġie maqlub għall-Malti minn Mons. Ġużeppi Gauci, mil-Latin tal-ktieb *San Vincentii Ferrerii, ex Sacro Praedicatorum Ordine concionatoris celeberrimi, Festivale, opera et studio Caspari Erhard*, MDCCXXIX.**

Skont Josep Perarnau i Espelt (1928) li kiteb dwar il-prietki ta' dan il-qaddis, din il-prietka saret fil-belt ta' Hellìn, tal-Provinċja Albacete ta' Spanja, f'jum il-*Feria IV*, u fil-belt ta' Valencia, ukoll fi Spanja, f'jum il-*Feria III post Pascha* ta' xi l-1411.

### Ġabra fil-qosor

Ġorġi offra lilu nnifsu 'l Alla bħala sagrifiċċju u vittma bla tebgħa. Dan għamlu għax ma kellux xi ħtija dwar is-seba' rjus tad-dnubiet il-mejta:

- I. l-ewwel nett ma kellux il-ħtija tal-kburija li tiġi min-nobbiltà, mis-sbuħija, mis-setgħa, minn xi rebħa;
- II. ma kellux il-ħtija taż-żina;
- III. ma kellux il-ħtija tax-xeħħa;
- IV. ma kellux il-ħtija tal-korla;
- V. ma kellux il-ħtija tal-ikel u x-xorb żejjed;
- VI. ma kellux il-ħtija tal-għażż;
- VII. ma kellux il-ħtija tal-għira; hawnhekk innota l-aħħar għemejjel tiegħu u t-tmiem bil-martirju.

"*Beatus vir, qui inventus est sine macula* – Hieni l-bniedem li jinstab mingħajr ħtija" (Ekkl. [Bin Sirak] 31:8). Dan il-kliem jinstab fil-Ktieb tal-Ekkleżjasti u nqara fl-Epistola tal-lum. Din is-Solennità ta' kull sena f'ġieħ San Ġorġ issir minħabba l-għajnuna murija lill-Insara waqt l-assedju tal-belt għażiża ta' Majorca. Imma, wara li nsellmu lill-Verġni Marija, irrid ngħid li l-ħsieb dwar dan li qed ngħid u d-daħla għas-suġġett ġewni f'moħħi minn liġi mogħtija minn Alla fl-antik, li fiha wera kif għandha tingħatalu l-offerta fis-sagrifiċċju tar-rebħa. Qal: "Meta wieħed joffri sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej biex itemm xi wegħda jew b'devozzjoni, għandu joffri xi vittma mill-baqar, jew min-nagħaġ, bla difett, biex tingħoġob; ma għandu jkollha ebda nuqqas" (Lev 22:21). Dan kollu minħabba l-perfezzjoni ta' Alla, li fih m'hemm ebda tebgħa, hu purissmu fl-essenza tiegħu. Għalhekk, fl-antik, kienu ħafna attenti li s-sagrifiċċju ma jkollu ebda tebgħa li tidher u lanqas ikun għami jew b'xi difett, u l-bqija. Dik il-liġi kienet tgħid: "Toffrix b'sagrifiċċju lill-Mulej, Alla tiegħek, barri jew mogħża, li jkun fiha xi difett jew xi ħsara, għax dan jistkerrhu l-Mulej" (Dewt 17:1). Il-mogħża tindika persuna sempliċi; il-barri b'żewġt iqrun, jiġifieri bis-setgħa u bl-għerf, persuna nobbli. Mela dawn it-talin għandhom joqogħdu attenti, biex jekk iridu joffru sagrifiċċju 'l Alla, dan irid ikun mingħajr tebgħa, għax jekk ikun xort'oħra, ikun mistkerraħ mill-Mulej. Minħabba f'hekk, San Ġorġ, biex is-sagrifiċċju tiegħu jkun milqugħ minn Alla, offra lilu nnifsu bla tebgħa, għax insibu li qatt ma kellu t-tebgħa tad-dnub il-mejjet. Għalhekk jingħad dwaru: "*Beatus vir – de virtute – qui inventus est sine macula* – Hieni l-bniedem li nstab mingħajr ħtija". Hekkhu t-tema tiegħi. Insib fl-Iskrittura Mqaddsa seba' tbajja', skont dak li huma s-sebat irjus tad-dnubiet il-mejta, jiġifieri:

1. L-ewwel tebgħa hi dik tal-kburija u tal-frugħa.
2. It-tieni, dik taż-żina u tal-pjaċir tal-ġisem.
3. It-tielet hi x-xeħħa u r-regħba.
4. Ir-raba' hi l-korla u r-rabja.
5. Il-ħames hi l-ikel u x-xorb żejjed jew il-gula.
6. Is-sitta hi l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla.
7. Is-seba' hi l-għira u l-perversità.

San Ġorġ ma kellu xejn minn dawn, kif se naraw. Għalhekk, "*beatus vir, qui inventus est sine macula* – hieni l-bniedem li jinstab mingħajr ħtija". Min għandu xi tebgħa minn dawn, ma jidħolx fis-Saltna tas-smewwiet: "Ma tidħol fiha ebda ħaġa mniġġsa, ħadd li jagħmel ħwejjeġ mistkerrha, ebda ħaġa b'oħra ma tidħol" (Apok 21:27).



1 Ngħid l-ewwel nett li San Ġorġ kien mingħajr it-tebgħa tas-suppervja u tal-frugħa bil-grazzja ta' Alla. Spiss ikun hemm erba' raġunijiet li jwasslu għall-kburija fis-suldati, li San Ġorġ kellu b'mod mill-aħjar, imma kien kapaċi jħares lilu nnifsu mit-tebgħa tal-kburija. L-ewwel nett hemm in-nisel nobbli li jwassal għall-kburija, imbagħad is-sbuħija tal-ġisem, it-tielet hemm il-ħakma fuq il-bnedmin, u r-raba' hemm ir-rebħa fuq l-għedewwa. Meta s-suldat jaħseb: "Jien ġej minn razza nobbli antika…", jitkabbar f'qalbu. San Ġorġ kien ġej minn razza nobbli. L-istorja tgħid li kien tassew nobbli mill-Kappadoċja, iżda qatt ma mela rasu bil-kburija minħabba dan. Kien jgħożż żewġ affarijiet nobbli f'qalbu: għax iben is-Saltna ta' Kristu u iben ir-Reġina, jiġifieri tal-Knisja. U kien jgħożż lilu nnifsu minħabba din in-nobbiltà. Imma ma tantx kien imħabbat b'dik tal-ġisem, anzi kien itenni ma' David: "Xejn m'hemm ta' siwi f'ġismi; dalwaqt nintemm fit-taħsir". It-tieni, is-sbuħija tal-ġisem hi bosta drabi okkażjoni ta' kburija. Iżda San Ġorġ, minkejja li kellu sura mill-isbaħ, qatt ma ftaħar bih innifsu; kien jgħożż biss is-sbuħija ta'

ruħu, u kien jieħu ħsieb li tkun dejjem bajda u tiddi bil-fidi vera, u ħamra bit-tifkira tal-Passjoni ta' Kristu, imżejna bil-virtujiet. Kellu dejjem f'moħħu kliem Salamun li stqarr: "Qarrieqa l-ħlewwa tal-ġisem, tiergħa s-sbuħija; mara li tibża' mill-Mulej ta' min ifaħħarha" (Prov 31:30). It-tielet, il-ħakma fuq il-bnedmin; meta suldat jara lilu nnifsu kaptan ta' ħafna oħrajn, ikun faċli għalih li jitkabbar. San Ġorġ kien tribun, jiġifieri kaptan ta' elf bniedem fl-armi, imma ma tkabbarx, lanqas qatt ma ta xi tort lil xi ħadd, u la mexxa lilu nnifsu u lanqas lill-oħrajn ħlief bl-umiltà u bis-sempliċità. Kien jimxi skont: "Akbar m'int, iktar għandek tiċċekken, u ssib grazzja quddiem il-Mulej. Għax kbira hi s-setgħa tal-Mulej, imma hu msebbaħ min-nies umli. Tfittixx dak li hu tqil wisq għalik, dak li ma tiflaħx għalih, tistħarrġux. Ikun moħħok f'dak li qabbdek tagħmel Alla, għax il-mistur xejn ma jiswielek. Tidħolx għal xogħol li mhuwiex tiegħek, għax ukoll dak li tgħallimt, jisboq moħħ il-bniedem" (Sir 3:18s). Ir-raba', ir-rebħa fuq l-għedewwa soltu twassal għall-kburija ta' min jirbaħ. San Ġorġ kien dejjem rebbieħ. Tassew kellu biex jitkabbar, iżda kien jattribwixxi kollox 'l Alla u jgħid li r-rebħa fuq l-għedewwa hi grazzja u don ta' Alla, għax il-ħafna jintrebħu mill-ftit u l-qawwijin jintrebħu mid-dgħajfin. Għalhekk kien itenni mal-kittieb imqaddes: "Mhux lilna, Mulej, mhux lilna, iżda lil ismek sebbaħ". Jidher ċar, għalhekk, li l-ħtija tal-kburija ma tebbgħetux u lanqas kienet tinstab fih. Għalhekk, "*beatus vir, qui inventus est sine macula* – hieni l-bniedem li jinstab mingħajr ħtija".

2 It-tieni, kien mingħajr tebgħa ta' żina, jew tal-pjaċir tal-ġisem, tant li jista' jingħad li kien verġni, għax fehem għalkollox li f'kull proprjetà, kastell jew belt, il-bnedmin mogħtijin għall-pjaċiri tal-ġisem, jagħtu lilhom infushom bħal ilpup lill-ġisem mejjet. Imma San Ġorġ ħares sewwa u kellu għożża għan-nisa, bħallikieku kien missier tagħhom ilkoll. Irrid, għalhekk, ngħidilkom ġrajja waħda singulari li ġrat fi provinċja qrib il-Kappadoċja fejn in-nies kollha kienu jqimu l-allat foloz. Is-sultan ta' dik il-provinċja kellu tifla waħda, imma d-demonji li ma jikkuntentawx bi ftit dnubiet biss, imma ftit ftit iwasslu għal dawk kbar, taħt it-tmexxija tagħhom wasslu lin-nies ta' dik il-provinċja biex joffru 'l uliedhom, subien u bniet, lix-xitan. Dwar dan, David fis-Salm jistqarr: "Issagrifikaw 'l uliedhom lid-demonji". Qrib il-belt ta' dak is-sultan kien hemm għadira li fiha kien jgħix dragun kbir, li kien meqjum qisu alla. Is-sultan talab 'l-alla tiegħu li jekk jgħinu, joffrilu lil bintu, u billi kiseb l-għajnuna meħtieġa, ħassu fid-dmir li jwettaq il-wegħda li għamel. Imma Ġorġi, imnebbaħ minn Alla, ħalla lil niesu u wasal waħdu f'dan il-post. Hemm hu lemaħ lit-tfajla liebsa sabiħ u tibki, niżel miż-żiemel u staqsieha x'għara. Hi qalet lil Ġorġi b'dak kollu li ġralha, li alla talab li tingħatalu b'ikel, u minkejja li missierha kien sultan, ma setax jeħles minnu. U San Ġorġ weġibha: "Tiddubitax, għax bil-qawwa ta' isem Kristu jien illum se neħilsek". Meta d-dragun ħareġ mill-għadira u San Ġorġ għamel is-sinjal tas-salib imqaddes, ħareġ kontra tiegħu, ħadha kontrih, u ħa lura lit-tfajla għand missierha. Ġibu quddiem għajnejkom kif baqgħet dik it-tfajla meta rat quddiemha lil dak is-suldat sabiħ u tassew kuraġġuż: nistħajluha tgħid lil missierha biex jagħtihulha b'żewġha, għax aktar xtaqet lilu milli lill-Imperatur. Għalhekk, il-missier offrielu lil bintu bħala martu flimkien mas-saltna. Imma San Ġorġ wieġeb: "Tagħtihiex lili, imma lil Kristu l-Mulej, billi tiġi mgħammda, għax Kristu kien li ħeles lil bintek". Imbagħad, it-tfajla u missierha s-sultan tgħammdu, u magħhom f'dik il-belt tgħammdu xi għoxrin elf ruħ. Araw kif Ġorġ kien bla tebgħa taż-żina u tal-pjaċir tal-ġisem. Oħ! Kemm suldati bil-libertà kollha kienu jagħmlu tagħhom lil dik it-tfajla, filwaqt li jtennu: "Ejja, binti, f'kamarti, hemm inqiegħdek sewwa; b'hekk ikunu huma li jibilgħuha u mhux id-dragun". Iżda San Ġorġ, bħala suldat għaqli, taha l-ħelsien, irritornaha lil missierha, u la ried lilha u lanqas is-saltna. Dak il-ħin seta' jgħid: "Int taf, Sidi, li jien safi minn kull tniġis... qatt ma tebbajt ismi" (Tob 3:14). Kemm għandhom x'jimitaw is-suldati li ma jagħtu kas ta' xejn ħlief taż-żina, lanqas huma biżżejjed għalihom nisa ta' kull stat u kundizzjoni. Mela, "*beatus vir, qui inventus est sine macula* – hieni l-bniedem li jinstab mingħajr ħtija".

3 It-tielet, San Ġorġ kien mingħajr it-tebgħa tax-xeħħa u tar-regħba. Filwaqt li seta' jiġbor ħafna ġid bil-kisba ta' vilel, bliet u kastelli, hu ma tax kas ta' dan. L-istess sultan, li San Ġorġ salvalu bintu, u li ċaħad li jieħu lil din it-tfajla b'martu, offrielu teżor kbir, imma hu ma ridux, anzi talbu jagħti dak il-ġid għall-bini ta' knejjes u ta' sptarijiet għall-persuni fqar. Minn dan kollu jidher ċar kemm kien ħieles mit-tebgħa tax-xeħħa, u li "ma marx jiġri wara d-deheb u lanqas ittama fil-flus u t-teżori" (Sir 31:8). Imma llum teżisti regħba kbira fost is-suldati, li jixorbu flus is-sudditi tagħhom filwaqt li jtennu li dawk huma offerti mogħtija bi pjaċir: imma jitfgħuhom fil-ħabs jew f'postijiet oħra bħalhom filwaqt li jgħidulhom: "Minn hemm ma toħorġux qabel tagħtu dak li rridu". Araw l-offerti mogħtija bi pjaċir, iżommu għalihom id-diecmi u l-ewwel frott. L-oħrajn ikollhom iċedulhom kollox, u huma jagħmlu tagħhom il-ġid u d-drittijiet tal-Knejjes b'periklu kbir, filwaqt li ma jħallux lil ħaddieħor jiġbor id-diecmi u l-ewwel frott. Kemm jeżistu frugħat! Kien minħabba f'hekk li Kristu stqarr: "Ifthu għajnejkom u ħarsu rwieħkom minn kull regħba, għax imqar jekk wieħed ikollu bir-radam, ħajtu ma tiddependix mill-ġid li jkollu" (Lq 12:15).

4 Ir-raba', San Ġorġ kien bla ebda tebgħa ta' korla u ta' ħażen. Qatt ma ried jivvendika ruħu minn xi inġurja li saritlu, lanqas skont l-ordni tal-ġustizzja, imma bis-



sabar kollu kien jilqa' l-cffiżi b'qalb tajba. Qis kemm offiżi sarulu waqt it-turmenti li rċieva u li hu laqa' bis-sabar għal Kristu. Matul il-ħakma tal-Imperaturi Djoklezjanu u Massiminjanu, li kienu jgħaddu lill-Insara minn bosta persekuzzjonijiet, dawn bagħtu lil Daċjanu lejn l-inħawi tal-Kappadoċja biex jippersegwita lill-Insara, biex iġagħalhom jiċħdu l-fidi jew ikollhom ibatu turmenti kbar, u fi żmien xahar qatel aktar minn għoxrin elf Nisrani, u ħafna ċedew waqt it-tbatijiet. Imbagħad, San Ġorġ qal bejnu u bejn ruħu: "Diġà tqabadt u ġġelidt ħafna bil-qies u bl-armi tal-ġisem, issa jixraq u rrid nitqabad bl-armi spiritwali". Qassam ġidu kollu lill-fqar u bi lbies sempliċi deher quddiem Daċjanu li kien qed isallab lill-Insara, u b'leħen qawwi qallu l-kliem tas-Salmi: "L-allat kollha tal-pagani huma xjaten, imma hu l-Mulej li għamel is-smewwiet". Imbagħad Daċjanu staqsieh minn fejn hu u x'jismu. Ġorġi wieġeb li hu mill-Kappadoċja, u dwar ismu stqarr: "Jisimni Ġorġi u jien suldat imsemmi mad-dinja kollha". Imbagħad Daċjanu ordna li jitqiegħed fl-ekulew tat-tortura li jfakkarna f'meta Kristu ġie mdendel mas-salib: dan kollu Ġorġi bata bis-sabar. Imbagħad Daċjanu tah turment ieħor: ordna li jintrabat bil-ħadid u li ġismu jiċċarrat bis-swat; iżda Ġorġ, bil-ħsieb taċ-ċarċir ta' demm Kristu f'moħħu, bata kollox bis-sabar. Imbagħad ġenbejh inħarqu bin-nar iħeġġeġ, filwaqt li l-feriti tiegħu mtlew bil-melħ. U San Ġorġ qal: "It-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina. Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla; għax il-ħolqien kollu jinsab taħt il-frugħa – mhux minn rajh, imma minħabba Alla li xeħtu taħtha – bit-tama li huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla. Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna" (Rum 8:18-24).

Jidher għalhekk ċar li San Ġorġ ma kellux rabja, ma kellux mibegħda, lanqas kellu rieda ħażina, iżda ssaporta kollox bil-ħlewwa. U għalhekk kanta: "Mhux it-tgergir jinstema', mhux l-ilmenti, iżda b'qalb siekta u b'moħħ tassew ċar, inħares is-sabar. Kemm għandhom x'jitgħallmu s-suldati tal-lum, kollhom bla sabar u bi kwistjonijiet fiergħa!". Kemm hu veru kliem Ġob: "Iva, il-korla tifni lill-iblah" (5:2)! Il-bniedem irrabjat jissejjaħ iblah. Ir-raġuni hi għax min irid jivvendika ruħu mill-għadu hu iblah daqs min jieħu l-velenu. Hekk jiġrilu min fir-rabja jfittex il-vendetta: qabelxejn jeqred lilu nnifsu: "Kull min jobgħad lil ħuh hu qattiel" (1 Ġw 3:15) tiegħu nnifsu.

5 Il-ħames ħtija hi l-gula jew l-ikel u x-xorb żejjed. Din il-ħtija teqred il-ġisem u r-ruħ. L-ewwel teqred il-ħarsa, it-tieni tħassar in-nifs, tneħħi l-qawwa, għax l-inbid jolqot in-nervaturi, idallam l-intellett, idgħajjef ir-riġlejn, iwassal għall-mard u nuqqasijiet ta' saħħa oħra. Kien għalhekk li Kristu qal: "Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewtulkomx qalbkom" (Lq 21:24). Il-bhejjem jieħdu l-meħtieġ tal-ikel u x-xorb, u l-bnedmin jieħdu aktar mill-meħtieġ. Ġorġi kien ħieles minn din il-ħtija. Kien jastieni ħafna, spiss kien isum matul ir-Randan u fil-Vġejjel tal-Knisja, kif ukoll darbtejn kull ġimgħa, nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. Araw x'soltu jgħidu s-suldati lil min imorru jqerru għandu: "Tagħtinix sawm, għax jien neħtieġ il-qawwa; ħa jsumu l-membri tal-kleru". Ta' min jgħidilhom: "Ikun aħjar tħarsu din il-qawwa billi tgħassu ruħkom min-nisa li jwasslukom biex titilfu l-qawwa tal-ġisem u l-kuraġġ tar-ruħ".

6 Is-sitt ħtija hi ċik tal-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla. Ninnutaw l-għaqal ta' San Ġorġ fil-ħwejjeġ spiritwali. Fi żmien il-paċi tqabad kontra ġismu bl-għajnuna tal-penitenza, kull filgħodu għarkupptejh, fis-skiet kien jisma' l-quddiesa, kuljum kien jirċievi lill-Mulej fit-tqarbin. Minħabba dan l-għaqal, il-Mulej imlieh bil-qawwa. Qisu kif Daċjanu, biex ibeżżgħu, għamel ir-roti bix-xfafar (kif naqraw ukoll dwar Santa Katarina). biex iwasslu jiċħad il-fidi fi Kristu. Iżda San Ġorġ, wara li radd is-salib, qabeż f'nofs ir-roti, li ebda ħsara m'għamlulu, imma komplew isaħħuh fil-qawwa ta' Alla, u ħafna pagani kkonvertew. Imbagħad, Ġorġi tqiegħed f'kaldarun mimli ċomb jikwi, imma wara li radd is-salib, deher qisu qed jgħum fl-ilma. Iżda kemm suldati fi żmien il-paċi jitgħażżnu u jaqgħu fid-dnub! Imma lil kull wieħed minn dawn, l-Iskrittura tgħid: "Kulma ssib x'tagħmel, agħmlu b'ħiltek kollha, għax ma jkunx hemm ħidma jew ħsieb, xjenza jew għerf, f'Art l-Imwiet fejn inti sejjer" (Koħ 9:10).

7 Is-seba' ħtija hi l-għira jew il-perversità, għax spiss meta persuni twajbin u magħrufin jisimgħu oħrajn imfaħħrin u meqjumin, malajr tidħol f'qalbhom is-susa tal-għira, u jimtlew bil-mibegħda għalihom. Minn din il-ħtija wkoll, San Ġorġ kien għalkollox ħieles: qatt ma kellu għira għal xi ħadd. Daċjanu ħaseb li aktar ma tkun qalb ġeneruża, aktar iċċedi għax-xewqat u għall-kliem mimli ħlewwa, milli għat-turmenti jew għall-biża'. Għalhekk bil-ħlewwa pprova jrattab lil San Ġorġ, u qallu: "Ġorġi, ma tarax kemm hi kbira l-paċenzja tal-allat tagħna? Għalhekk, jekk trid tobdi u tħares il-liġijiet u d-digrieti tal-Imperaturi, tkun tassew kbir". B'hekk ried iqarraq malizzjożament b'San Ġorġ. Imma San Ġorġ wieġeb: "Issa qed tgħidli b'dan, wara ħafna turmenti iebsa! Għax m'għidtlix hekk mill-bidu?". San Ġorġ, immexxi mill-għerf tiegħu, ried iqarraq b'Daċjanu, billi għamel tabirruħu li ried iqim l-allat b'mod solenni. Daċjanu feraħ b'dan kollu u ħabbar li San Ġorġ kien se jqim l-allat. Meta ttieħed fit-tempju, hekk kif waqaf fil-bieb, stqarr: "Jiena nqim mhux lill-idoli, imma 'l Alla veru. Jiena naċura mhux lix-xjaten, imma lil Kristu Salvatur". F'daqqa waħda nar niżel mis-Sema, u t-tempju bl-idoli u b'ħafna nies li kienu nġabru, inqered.

Meta Daċjanu sema' b'dan kollu, stagħġeb u ordna li Ġorġi jew iqim l-allat jew jingħata l-mewt. U Ġorġi qallu: "O iblah li int, kif temmen li jien se nqim l-allat tiegħek li jiena qridt?". Għalhekk, Daċjanu ta s-sentenza ta' qtugħ ir-ras kontra Ġorġi. Wara li ngħata s-swat, iddawwar mal-belt, sakemm wara li radd is-salib, ġiet maqtugħa r-ras tiegħu. Imbagħad, filwaqt li Daċjanu kien sejjer lura, niżel nar mis-sema li ħarqu għalkollox. U San Ġorġ intlaqa' fis-Sema. Ġorġi ma kellu ebda għira għall-ġid imwiegħed lilu minn Daċjanu, u mingħajr ebda biża' laqa' l-martirju. Hu veru dak li stqarr is-Salmista: "Hu Alla li ħażżimni bil-qawwa; fetaħli triq dritta quddiemi" (18[17]:33).

*Mulej, Missier qaddis, nitolbuk, f'ġieħ is-sagrifiċċju bla tebgħa li San Ġorġ offrielek f'ħajtu u f'mewtu, agħtina l-grazzja li bil-għaqal inwarrbu kull tebgħa ta' dnub, biex jirnexxielna naslu għar-rebħa dejjiema. Bi Kristu Sidna. Amen.*

Mela, agħmel bħal San Ġorġ u...

# Il-Vjatku fil-gżira ta' Għawdex u l-Parroċċa ta' San Ġorġ

George E. Borg

Il-Vjatku kien mezz li bih il-Knisja f'Għawdex tasal sad-dar tal-moribond meta dan ikun wasal biex iħalli d-dinja. Kien mezz sabiħ li bih is-saċerdot iwassal is-Sagrament Imqaddes lil dak il-moribond fl-aħħar ta' ħajtu, kif ukoll tingħatalu l-Griżma tal-Morda. Nafu li kienu saru xi kitbiet dwar il-Vjatku f'xi gazzetti jew perjodiċi, iżda jien ċert li kemm it-tfal u kemm iż-żgħażagħ ta' dan iż-żmien, ftit li xejn jafu x'kien u kif kien isir. L-idea li nikteb dwar il-Vjatku u kif kien isir fil-Parroċċa ta' San Ġorġ ġiet f'rasi meta kont bi kwieti d-dar u rajt il-kelma *vjatku*. Dritt ħabat ma' moħħi l-Vjatku li kien isir minn San Ġorġ u kif spiċċa. Bil-kwiet qgħadt naħseb u nħabbel moħħi biex l-esperjenza tiegħi niktibha u nwassalha lil min mhux daqshekk intiż dwar dan il-Vjatku li kien isir iktar minn sittin sena ilu u nara kif inwassal dan it-tagħrif lil min ma għandux idea tiegħu.

Dan il-Vjatku baqa' jiġi ċċelebrat sa ftit wara l-Konċilju Vatikan II fis-snin ħamsin. Fil-fehma ta' bosta nies, kien nuqqas li fl-aħħar jiem tal-ħajja tal-bniedem, is-Sagrament Imqaddes ma jitteħidx fid-dar tal-moribond billi forsi kien imbiegħed mill-knisja fejn soltu jmur meta kien f'saħħtu.

Hu importanti li jitfakkar kif kienet issir din iċ-ċelebrazzjoni f'dawk iż-żminijiet tas-seklu l-ieħor. Meta kien ikun ġara li xi ħadd għadda ħażin fid-dar tiegħu, xi ħadd minn tal-familja u anki bil-parir tat-tabib, kien jordna l-Vjatku billi jmur jirrapporta fil-knisja, il-Parroċċa, biex isir dan il-Vjatku. Għalkemm kien isir bis-solennità kollha, il-Vjatku ma kienx jissejjaħ solenni bħalma kien jissejjaħ dak li kien isir f'xi festa kbira u prinċipali jew okkażjonijiet speċjali oħra. Il-qniepen tal-knisja kienu jnaqqru bit-tokki kiebja tagħhom biex juru lil kulħadd li kien ser isir il-Vjatku. Dan kien isir f'kull ħin tal-ġurnata, anki billejl, u f'kull temp. In-nies kienet tikkonkorri u tieħu sehem mas-saċerdot billi titlob ir-Rużarju matul it-triq li tieħu mill-knisja sad-dar tal-moribond. Kif kien joħroġ mill-knisja, il-qniepen kienu jdoqqu mota bil-qniepen iż-żgħar, u meta l-Vjatku jmur fil-bogħod, il-qniepen kienu jieqfu u jerġgħu jibdew idoqqu meta l-Vjatku jkun ġej lura fil-knisja.

Dawk li kienu jieħdu sehem fil-Vjatku kienu l-biċċa l-kbira tfal, kif ukoll xi oħrajn adulti. Is-saċerdot kien ikun liebes spellizza u stola u fuqu kien ikollu l-velumeral u f'idejh kien iġorr pissidi żgħir li fih l-Ostji Mqaddsa li bih iqarben lill-moribond. Mal-medda tat-triq tal-Vjatku, is-sagristan kien ikun liebes konfratija bajda u pellegrina ħamra ta' fratell u kien jerfa' l-umbrella li biha kien jgħatti lis-saċerdot li, f'idejh, kien ikollu lil Ġesù Sagramentat fl-Ostja Mqaddsa. Mas-saċerdot kienu jieħdu sehem bosta tfal u anzjani li kien jerfgħu fanali jixegħlu f'idejhom mill-knisja matul it-triq kollha u jerġgħu lura, bl-istess mod, sal-knisja. Fil-bidu nett kienu jimmarċjaw it-tfal jerfgħu l-fanali maħduma mil-landa jew ta' xi metall ieħor bix-xemgħa tixgħel fihom. Anzjan ieħor kien jimxi u b'idejh kien idoqq qanpiena żgħira li kien iċempilha tul it-triq. Din il-qanpiena kienet magħrufa bħal l-*qanpiena tal-vjatku*, u kienet bil-pum tal-injam, li kien idur mat-tixjira tagħha f'idejn dak l-anzjan li kien jerfagħha u kien iċempilha matul it-triq kollha. It-tokki kiebja tal-qanpiena kienu juru li ġej il-Vjatku, u kien dan id-daqq tal-qanpiena li kien javża lil dawk li jkunu jridu jsegwu dan il-Vjatku biex isegwu anki meta l-post kien imbiegħed u biex kulħadd isegwih anki xħin jasal viċin ta' djarhom.

F'din il-purċissjoni kien ikun hemm anzjan li kien jerfa' l-ġirandola tal-metall li fiha kien hemm iż-żejt tal-*Griżma tal-Morda*. Dan iż-żejt kien jiġi mbierek u kkonsagrat f'Ħamis ix-Xirka mill-Isqof ta' Għawdex fil-Katidral. Biż-żejt is-saċerdot kien jamministra dan is-sagrament tal-Griżma lill-moribond billi jidliklu jdejh, riġlejh u rasu. Qabel ma jħalli d-dar tal-moribond, is-saċerdot kien jagħti l-barka tiegħu lil dak l-imsejken li, ġeneralment, kienet tkun l-aħħar barka li jkun ħa qabel tmiem ħajtu. Wara, il-Vjatku kien jirritorna lejn il-knisja bl-istess ordni li jkun meta mar fid-dar tal-moribond, u xħin jasal fil-knisja kienet tingħata l-Barka Sagramentali. Ta' min ifakkar li lil dawk li kienu jieħdu sehem fil-Vjatku kienet tingħatalhom xi ħaġa żgħira tal-flus: lil dawk li jerfgħu l-fanali, lil dak li jerfa' l-ġirandola, lil dak li kien iċempel tul il-mixja tal-vjatku, u wkoll lil dak li kien jerfa' l-umbrella.

In-nies kienu jieħdu sehem attiv, tant li t-talb ma kienx jonqos waqt il-Vjatku, kemm meta jkun sejjer lejn id-dar tal-moribond u kemm meta jkun qed jirritorna lejn il-knisja. Qabel tingħata l-Barka Sagramentali, li kienet tagħlaq din iċ-ċelebrazzjoni fil-knisja, kien isir talb speċjali għall-moribond li jkun wasal fl-aħħar ġranet jew sigħat ta' ħajtu. Il-parruċċani, f'dawn l-okkażjonijiet, kienu jagħtu s-sehem tagħhom tant li minn kull post jew triq li jgħaddi











minnha l-Vjatku, speċjalment billejl, kienu jixegħlu t-twieqi jew jinfetħu l-bibien tad-djar b'xi xemgħa jew dawl ieħor tal-lampi tal-pitrolju jixegħlu biex jagħtu d-dawl.

## Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ

Il-Vjatku fit-toroq tal-Belt Victoria dejjem kien joħroġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, u n-nies kienet tingabar f'qasir żmien u ssegwi l-mixja lejn id-dar tal-moribond flimkien mas-saċerdot, li dak iż-żmien kien jokkupa l-post ta' Viċi-Parrokku. Ħadd ma kien jittraskura din il-ġrajja, u l-ħeġġa lejn Ġesù Sagramentat jiġri fit-toroq tagħna biex jingħata lill-moribondi kienet titnissel fil-poplu kollu. Wieħed jgħid: Għaliex ma għadux isir? F'dak iż-żmien it-tqarbin privat fid-djar tal-morda kien kważi beda jispiċċa. Iżda bosta saċerdoti, kuljum u f'ħinijiet differenti, kienu jżuru d-djar tal-morda u jwasslulhom il-vjatku f'forma privata għall-aħħar. Din il-ħaġa tista' tgħid li għenet biex dan il-vjatku ma jkomplix iseħħ regolari. Ġieli l-Vjatku baqa' jsir f'xi okkażjoni speċjali b'forma iktar solenni li fiha kienu jieħdu sehem bosta saċerdoti, abbatini, fratelli u l-popolin li jżuru d-djar tal-morda f'ċirkustanzi ta' festi speċjali jew okkażjonijiet oħra. F'din l-okkażjoni s-saċerdot li jkun jerfa' lil Ġesù Ostja kien jimmarċja taħt baldakkin merfugħ mill-fratelli. Kienu jieħdu sehem abbatini, saċerdoti u bosta nies ukoll, u kien jitmexxa mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Il-baldakkin kien jintrefa', f'dan il-każ, minn erba' saċerdoti jew inkella mill-fratelli, u quddiem nett kien jimxi fratell bl-istendard tal-Vjatku. Dan kien stendard bħala dawk ta' fratellanzi oħra, imma kien ikun ta' kulur aħmar u iżgħar minnhom fid-daqs.

Tkellimna fuq il-Vjatku li kien isir mill-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria. Ta' min jgħid li anki fi rħula oħra ta' Għawdex kien isir dan il-Vjatku u naħseb ukoll li bl-istess sistema li kien isir fil-Belt Victoria, iżda kif inqata' li jsir fir-Rabat, naħseb li ġralu wkoll fl-irħula ta' Għawdex. Miktub fl-istorja nsibu li l-Vjatku kien joħroġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ u jitlaq anki lejn in-Nadur, li kien għadu bla parroċċa, meta kien hemm il-bżonn, u fejn ma kienx hemm parroċċa wkoll. Is-saċerdot kien jivvjaġġa fuq dahar ta' bhima.

Jalla dan il-Vjatku jibqa' ħaj f'moħħna u jibqa' jsir f'xi okkażjoni li tfakkar id-devozzjoni kbira li kellu l-poplu f'Għawdex għal Ġesù Sagramentat. Dan il-Vjatku kien jiġri wara l-poplu fil-bżonn f'okkażjonijiet speċjali ta' meta l-moribondi jkunu qed iħejju li jingħaqdu b'rabta sħiħa mal-Mulej wara mewthom li tkun fil-qrib.

Jalla l-Vjatku jibqa' mfakkar bħala drawwa sabiħa u folkloristika qaddisa. Din il-ġrajja qaddisa għandha tibqa' mfakkra anki fil-festi prinċipali li jiġu ċċelebrati fil-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ u anki f'parroċċi oħra fil-gżira Għawdxija.

# Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria (1955-1960)

## (It-Tieni Parti)

Winston L. Zammit

IL-FESTI TA' MATUL IS-SENA

Matul is-sena kienu jsiru diversi festi fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

**Il-Festa ta' Ġesù u Marija**

Din kienet issir fl-ewwel Ħadd ta' Jannar. Fl-1955 din il-festa saret bħas-soltu fl-ewwel Ħadd ta' Jannar, u filgħaxija, wara l-prietka, saret il-purċissjoni bl-istatwa, bis-sehem tal-Banda Leone.[45] Din kienet l-aħħar sena li fiha saret il-purċissjoni.



**Il-Festa tal-Madonna ta' Lourdes**

Fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienet issir id-devozzjoni tad-Dehriet tal-Madonna ta' Lourdes.[46]

Fl-1957 din il-festa ġiet iċċelebrata l-Ħadd 17 ta' Frar. Il-prietki tat-Tridu saru minn Dun Franġisk Scicluna, u l-paniġierku sar minn Dun Alan Fench SThD.[47] Fis-sena ta' wara, din il-festa saret b'solennità kbira, b'tifkira taċ-Ċentinarju tad-Dehriet tal-Madonna f'Lourdes (1858-1958). Dawn il-festi saru bejn it-Tnejn 12 u l-Ħadd 18 ta' Mejju. Bejn it-Tnejn 12 u l-Erbgħa 14 saru funzjonijiet fil-knisja mill-Patrijiet Kapuċċini, Franġiskani Konventwali u Agostinjani rispettivament. Il-Ħamis 15 ta' Mejju jum Lapsi, filgħodu kien hemm quddiesa għall-morda mill-Isqof Ġużeppi Pace, u filgħaxija Translazzjoni Pontifikali. Fl-istess jum filgħaxija beda t-Tridu bil-prietki (15-17), li matulu ppritkaw tliet kanonċi tal-Katidral ta' Għawdex: Mons. Emanuel Mercieca, Mons. Tarċisju Gatt u Mons. Ġorġ Mercieca. Nhar il-festa, 18 ta' Mejju, filgħodu tkanta l-Matutin u wara sar Pontifikal bl-omelija mill-Isqof Ġużeppi Pace. Filgħaxija, Għasar solenni u wara kellha ssir il-purċissjoni, li iżda tħassret minħabba l-maltemp. Il-festa ġiet fi tmiemha bil-kant tat-*Te Deum* u Barka Sagramentali mill-Isqof Pace. Dak iż-żmien kien Prokuratur ta' din il-festa Mons. Giovanni Grech.[48]

**Il-Ġimgħa Mqaddsa**

Kienu jsiru l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, u nhar il-Ġimgħa l-Kbira waranofsinhar kienet toħroġ il-Purċissjoni bil-vari tal-Misteri tal-Passjoni. Iżda b'effett mill-1955, fuq ordni tal-Isqof Pace, din il-purċissjoni bdiet issir mingħajr is-servizz tal-banda.[49] Hekk baqgħet issir din il-purċissjoni sal-1960. Kien biss fl-1961 li reġgħet bdiet tieħu sehem f'din il-purċissjoni l-Banda La Stella.[50]



**Il-Festa liturġika ta' San Ġorġ (23 ta' April)**

F'dawn il-granet kienet issir il-Festa liturġika ta' San Ġorġ.[51] Fl-1959 din il-festa saret b'solennità akbar. Filgħaxija sar għall-ewwel darba paniġierku, u l-predikatur kien Mons. Emanuel Mercieca. Introduċew il-mużika, u sar ukoll marċ mill-Banda La Stella, u fil-pjazza tal-Bażilika ndaqq u tkanta l-Innu.[52]

**Il-Festa ta' San Ġużepp**

Minn programm ippubblikat fl-1955 nafu li din il-festa





kellha ssir fit-30 ta' April u fl-1 ta' Mejju, u li kellha ssir il-purċissjoni.[53] Fl-1960 il-Festa ta' San Ġużepp saret il-Ħadd 8 ta' Mejju u għalqet bil-purċissjoni bl-istatwa tal-qaddis.[54]

**Il-Kwaranturi**

Il-Kwaranturi baqgħu avveniment importanti fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Fl-1955 dawn saru bejn l-10 u t-12 ta' Ġunju. Il-prietki saru min Mons. Tarċisju Gatt, u l-mużika tmexxiet mis-Surmast Ġanni Vella. Fil-purċissjoni tal-għeluq ħadu sehem l-għaqdiet kollha tal-Belt Victoria. Ingħatat il-Barka Sagramentali fil-beraħ fi Pjazza Savina u fit-Tokk, fejn saret ukoll prietka tal-okkażjoni.[55] L-Isqof Mons. Ġużeppi Pace mexxa l-purċissjoni tal-għeluq fl-1956 u fl-1957.[56]

**Il-Festa ta' San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru)**

B'effett mill-1955 din il-festa bdiet issir biss fil-knisja, u l-Prokuratur baqa' Dun Karm Sacco.[57] Fil-festa tas-sena ta' wara, il-mużika kienet taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Debrincat.[58]

**Il-Festa ta' San Klement**

Il-festa ta' dan il-qaddis, li tiegħu hemm korp sant, kienet issir b'solennità kbira f'xi wieħed mill-ewwel Ħdud ta' Novembru.[59]

**Il-Festa tal-Madonna ta' Fatima**

Dwar din il-festa Marjana nkiteb hekk f'gazzetta lokali ta' Novembru 1958: "Festa li minn sena għal oħra qiegħda dejjem tikber hija dik tal-Madonna ta' Fatima, meqjuma b'għożża kbira fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Mons. Arċipriet



Mikiel Cefai għandu devozzjoni kbira lejha u fit-13 ta' kull xahar jesponiha fuq altar għall-qima tal-poplu".

Fl-1958 din il-festa Marjana ġiet iċċelebrata l-Ħadd 16 ta' Novembru. Fit-tlitt ijiem ta' qabel (13-15) sar Tridu, b'Quddiesa kantata filgħodu, Għasar kantat filgħaxija mill-Kor tal-Bażilika, u prietka minn Mons. Arċipriet Cefai. Nhar il-festa filgħodu kien hemm Quddiesa kantata; waranofsinhar, Għasar Solenni bil-mużika, paniġierku minn Mons. Tarċisju Gatt, Antifona u Barka Sagramentali.[60]

Fl-okkażjoni tal-festa tas-sena ta' wara saret ukoll purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Gazzetta lokali tgħidilna li "il-Belt Victoria bi ħġarha ngemgħet f'purċissjoni *aux flambeaux*" li ħarġet mill-Bażilika ta' San Ġorġ, immexxija minn Mons. Arċipriet Cefai. L-attendenza tal-irġiel u tan-nisa kienet numeruża.[61]

FUNZJONIJIET STRAORDINARJI

Bejn l-1956 u l-1960, fil-Bażilika ta' San Ġorġ saru numru ta' funzjonijiet straordinarji.

**Funeral għall-vittmi tal-Irvell fl-Ungerija**

F'Ottubru 1956, il-poplu Ungeriż irvella kontra l-ħakma Komunista, li kienet ġiet imposta fuqhom mir-Russi wara t-Tieni Gwerra Dinjija. B'xorti ħażina, dan l-irvell għal-libertà tfarrak mill-istess Russi.

Dan l-irvell ġibed simpatija kbira madwar id-dinja. F'din l-okkażjoni l-Parroċċa ta' San Ġorġ ħasbet biex tagħmel funeral għall-vittmi ta' dan l-irvell, nhar il-Ħadd 18 u nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru.

Il-Ħadd il-qniepen tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ daqqew mortwarju bil-kbir. It-Tnejn, festa ta' Sant'Elizabetta tal-Ungerija, mill-4.00am sa 12.00pm tqaddes ħafna quddies. F'nofs il-knisja ntrama tubru mdawwar bil-kuruni u bandiera tal-Ungerija ħielsa. Dan il-funeral irnexxa bit-tħabrik tal-Arċipriet Cefai u l-kleru tal-Knisja ta' San Ġorġ.[62]

**Il-korp sant ta' San Klement**

Wara li sar restawr tal-korp sant ta dan il-qaddis, li kien espost fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri, nhar il-Ħamis 9 ta' Frar 1958 inġarr proċessjonalment mill-Knisja ta' San Franġisk għall-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Fil-purċissjoni ħadu sehem Mons. Arċpriet Cefai u l-kleru ta' San Ġorġ. Wara l-korp sant imxew diversi devoti.[63]

**Funeral għall-Papa Piju XII (1939-1958)**

F'Ottubru 1958 miet il-Papa Piju XII (1939-1958), li f'Settembru 1958 kien ta d-dinjità ta' Bażilika lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-funeral għal ruħu sar fil-Bażilika l-ġdida fit-18 u fid-19 ta' Ottubru. Is-Sibt 18 saret l-Uffiċċjatura. L-għada l-Ħadd qaddes għal ruħu Mons. Arċipriet Cefai, li għamel ukoll l-Orazzjoni Funebri. Il-mużika tmexxiet minn Mons. Ġużeppi Debrincat.[64]



SAN KLEMENT
Korpsant v-venerat fil Knisja Parr. Basilika tà SAN GIORG

**Il-miġja tad-Driegħ ta' San Pawl**

Fl-1959, bi tħejjija għall-Festi Ċentinarji tal-Miġja ta' San Pawl fostna (60-1960), id-Driegħ ta' San Pawl inġieb f'Għawdex. Wara li dar il-parroċċi kollha, fl-aħħar ta' Lulju ttieħed fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fejn inżamm għal tlitt ijiem fost festi devoti.[65]

**Pontifikal b'rabta mal-Festi Ċentinarji Pawlini**

B'rabta mal-Festi Ċentinarji Pawlini (60-1960), nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 1960 ġie f'Għawdex Mons. Youhanna Nueir OFM, Isqof Awżiljarju Koptiku ta' Luqsor (Tebe), fl-Eġittu, li għamel Pontifikal fil-Bażilika ta' San Ġorġ.[66]

**Viżitaturi u benefatturi**

Bejn is-snin 1955-1960 żaru l-Knisja ta' San Ġorġ tliet personalitajiet distinti, li kienu l-Kardinal Federico



Tedeschini, il-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laycock, u l-Isqof ta' Prato Mons. Pietro Fiordelli.

Il-Kardinal Federico Tedeschini, li ġie Malta f'Lulju 1955, nhar it-Tnejn 1 ta' Awwissu għamel żjara fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, akkumpanjat mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace. Ġie milqugħ minn Mons. Arċipriet Cefai, il-kleru u folla kbira ta' nies. Il-Kardinal ammira ħafna l-opri tal-pittura u tal-irħam li kienu qegħdin isiru fil-Bażilika, u kellem lill-pittur Gian Battista Conti li kien jafu personalment, u lill-benefattur Mons. Ġorġ Agius.[67]

Fis-sena ta' wara, nhar it-Tlieta 26 ta' Ġunju, ġie l-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laycock (1954-1959). Huwa ġie milqugħ minn Mons. Arċipriet Cefai, u niżżel ismu fl-arzella li kienet qed titpitter mill-pittur Conti.[68]

F'Jannar 1959, waqt żjara f'Għawdex, għamel żjara fil-Bażilika Mons. Pietro Fiordelli, Isqof ta' Prato.[69]

Il-Bażilika Ġorġjana, bħal kull knisja oħra f'Għawdex, kellha l-benefatturi tagħha. Benefattur kbir ta' dan il-perjodu kien Mons. Ġorġ Agius, li rabat ismu mal-opra tal-irħam. B'ringrazzjament, nhar it-23 ta' Ottubru 1955 inkixef



Monument b'tifkira tiegħu fl-istess knisja.[70]

Fl-14 ta' Ottubru 1955, fil-Belt Victoria miet is-Sur Ġużè Portelli, benefattur kbir tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Dwaru nkiteb hekk f'gazzetta lokali: "Ġużè kien u ried ikun biex San Ġorġ jidher dak li hu llum. Il-bini tas-saqaf, tal-koppla, in-navi u l-arzelel, u ħniġijiet oħra kollha jafu lil Ġużè u lill-ħila arkitettonika tiegħu. Ġużè mexxa dawn ix-xogħlijiet diżinteressatament u b'ħila liema bħalha".

Il-funerali tiegħu saru fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u fihom ħadet sehem il-Banda La Stella.[71]

**Riferenzi**
[45] *Il-Berqa*, 6 ta' Jannar 1955, p. 7.
[46] *Għawdex*, 15 ta' Frar 1957, p. 4.
[47] *Il-Berqa*, 21 ta' Frar 1957, p. 7.
[48] Ibid., 22 ta' Mejju 1958, p. 7; *Leħen il-Belt Vittorja*, Ġunju 1958.
[49] Ibid., 7 ta' April 1955, p. 7.
[50] *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1961, p. 3.
[51] Ibid., April 1958, p. 1.
[52] Ibid., April 1959, p. 1; Mejju 1959, p. 3; *Il-Berqa*, 30 ta' April 1959, p. 9.
[53] *Għawdex*, 17 ta' April 1955, p. 3.
[54] *Il-Berqa*, 12 ta' Mejju 1960, p. 7.
[55] Ibid., 16 ta' Ġunju 1955, p. 7.
[56] *Il-Berqa*, 7 ta' Ġunju 1956, p. 7; *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1957, p. 4.
[57] Ibid., 27 ta' Settembru 1956, p. 7.
[58] Ibid., 3 ta' Ottubru 1957, p. 7.
[59] Ibid., 5 ta' Novembru 1959.
[60] Ibid., 20 ta' Novembru 1958, p. 9.
[61] Ibid., 20 ta' Ottubru 1960, p. 7.
[62] Ibid., 21 ta' Novembru 1956, p. 7.
[63] Ibid., 20 ta' Frar 1958, p. 7; 5 ta' Novembru 1959.
[64] *Leħen il-Belt Vittorja*, Ottubru 1958, p. 4.
[65] *Il-Berqa*, 6 ta' Awwissu 1959, p. 9.
[66] *Ibid.*, 4 ta' Awwissu 1960, p. 7.
[67] *Il-Berqa*, 3 ta' Awwissu 1955; *Għawdex*, 21 ta' Awwissu 1955, p. 2.
[68] Ibid., 5 ta' Lulju 1956, p. 7.
[69] Ibid., 22 ta' Jannar 1959, p. 9.
[70] Ibid., 29 ta' Diċembru 1955, p. 7.
[71] *Għawdex*, 30 ta' Ottubru 1955, p. 2.

## *Nifirħu lil...*

- Dun Alex Victor Cauchi, mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, li fid-9 ta' Ottubru 2017, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ħatru President tal-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu, bħala l-ewwel suċċessur tal-fundatur, il-mibki Mons. George Grima.
- Il-Każin La Stella u t-Teatru Astra f'għeluq il-ħamsin anniversarju mill-inawgurazzjoni, li seħħet fl-20 ta' Jannar 1968. Matul dan in-nofs seklu, il-komunità Ġorġjana, u magħha l-poplu ta' Malta u Għawdex, gawdew mhux ftit mill-formazzjoni kulturali u artistika li ħarġet minn dan il-post, li hu s-sede tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.
- Mons. Alfred Xuereb, Prelat Segretarju Ġenerali tas-Segreterija għall-Ekonomija tas-Santa Sede, li fis-26 ta' Frar 2018 ġie maħtur mill-Q.T. il-Papa Franġisku bħala Arċisqof titulari ta' Amanthea u Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja. Hu rċieva l-Konsagrazzjoni episkopali minn idejn il-Papa nnifsu nhar it-Tnejn 19 ta' Marzu, Solennità ta' San Ġużepp, fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan.
- Relf Mirce, żagħżugħ Albaniż residenti Għawdex, li fil-Velja tal-Għid fil-Bażilika tagħna, is-Sibt 31 ta' Marzu, wara sena ta' formazzjoni fil-katekumenat fil-parroċċa tagħna, irċieva s-Sagrament tal-Magħmudija u resaq ukoll għall-Ewwel Tqarbina, waqt li l-għada, Ħadd il-Għid, is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni mill-Isqof Mario Grech.



## *Insellmu lil...*

- Il-Professur Joseph Vella (1942-2018), Maestro di Cappella tal-Bażilika ta' San Ġorġ (1962-2018), Direttur artistiku tal-Victoria International Arts Festival (1997-2018), u Direttur mużikali tal-Banda Ċittadina La Stella (1970-2018), nhar il-Ħadd 25 ta' Frar 2018. Fost il-bosta kompożizzjonijiet ċelebri li ħalla lill-Bażilika, insibu l-*Mass in D in honour of St George "Princeps Martyrum"* (1976) għal solisti, kor *a 4 voci dispari* u orkestra, li tiġi esegwita kull sena nhar il-Festa titulari ta' San Ġorġ fit-tielet Ħadd ta' Lulju.



# Hawnhekk

Hawnhekk inħossni d-dar għad-dell ta' ħarstek,
fit-talb kull biża' jgħib xħin indur lejk,
xi ħaġa żżommli ħsiebi msammar fuqek,
xi ħadd qed jgħidli nibqa' hawn f'riġlejk.

Ġo ħoġrok qisni iben għand missieru,
f'dirgħajk il-wens u l-faraġ mit-tiġrib,
inferragħ kulma l-qalb tostor f'uġigħha,
għax naf li qed tismagħni bħal ħabib.

Tbissimtek ittajjarli kull mistħija
għax miegħek taf li ħajti ktieb miftuħ,
xħin nixref minn ġol-bieb u tfeġġ quddiemi
l-għawġ ninsa u dlonk nerġa' nieħu r-ruħ.

M'intix bħall-oħrajn kollha, hemm xi ħaġa
ġo surtek illi tiġbed lil kulħadd.
X'sigriet, wara ħaddejk, ta' ġmiel wisq oħla,
l'għalih, tgħarrex kemm tgħarrex, ma ssib qatt?

Tafx li kultant nistħajjel qed niffissa,
inkella qed nistagħġeb żejjed bik!
Jien stess ma nafx infisser kif u għala
ġurnata ma tgħaddix bla ma nsemmik.

Taħt dellek minn kull hemm inħossni mħares,
bik miegħi donnu ħadd ma jista' għalija;
tarmani b'ta' qlubitek nar imkebbes,
f'idejja 'ttini xablet l-irġulija.

Eżerċtu jqum kontrija, imm'int tarka
li tilqa' għall-attakki tad-Dragun;
xħin ismek issemmagħli kollu ħlewwa
lill-għadu ġa narah f'telfa midfun.

Hawnhekk, xħin nilmħek wieqaf, ħarstek f'Alla,
il-fidi terġa' b'rieda tal-azzar,
l-Ispirtu l-qalb iqabbad biex tissielet
u jrebbaħ liċ-ċkejknin u l-iżjed fqar.

U f'din l-iskola tiegħek ittennili
kif tkun l-imħabba vera ta' Ġorġjan,
mhux dik ta' ġieħ il-kliem, l-għana u ż-żîna,
daqskemm ta' min għal Kristu jgħix għatxan.

Quddiemek, San Ġorġ tagħna, x'għors u hena!
Taf tferraħ wisq il-qlub tal-imsejknin!
Hawnhekk inħossni d-dar, għax int kont l-ewwel
li rajtni mgħammed bl-ilma tat-Twemmin.

Francesco Pio Attard
21 ta' April 2018



# Maestro di Cappella ġdid

Wara l-mewt tal-Professur Joseph Vella, li kien Maestro di Cappella tal-Bażilika ta' San Ġorġ mill-1962 sa mewtu fi Frar 2018, il-Presbiterju Parrokkjali, b'deċiżjoni unanima waqt laqgħa tat-Tlieta 13 ta' Marzu 2018, ħatar lill-Kan. George J. Frendo, Direttur tal-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u sa dakinhar Assistent Maestro di Cappella, bħala l-Maestro di Cappella l-ġdid tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Jannar — April 2018



*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Omm Alla. Għall-okkażjoni, inħarġet għall-qima fil-Bażilika l-istatwa ta' Ġesù u Marija.



Matul l-ewwel xhur tas-sena, l-Arċipriet għamel *home visits* lill-familji tat-tfal li kienu se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. Dan sar b'appuntament miftiehem ma' kull familja. Din l-esperjenza għenet lill-familji jkunu iktar qrib tal-Parroċċa kif ukoll lill-Parroċċa tifhem iktar lill-familji.

**» 7 ta' Jannar**
**11.00am:** L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa Konċelebrazzjoni konventwali fis-Solennità tal-Epifanija, li fiha saret it-Tħabbira tal-Festi liturġiċi tas-sena.

**» 26 ta'Jannar**
Il-Parroċċa organizzat ħarġa għall-anzjani.

**» 27-28 ta' Jannar**
Fil-quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd saret il-Ġabra għall-Art Imqaddsa mill-Patrijiet Franġiskani Minuri.

**» 31 ta' Jannar-2 ta' Frar**
**06.00pm:** Dun Simon M. Cachia mexxa l-quddies tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes.

**» 1 ta' Frar**
**05.15pm:** Il-Komunità Anawim, bis-sehem tat-tfal tal-Parroċċa, mexxiet Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-ħajja u għal min qed jistenna tarbija.

**» 2 ta' Frar**
**05.45pm:** Iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej bdiet minn fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu, mnejn telqet purċissjoni qasira lejn il-Bażilika, fejn fis-6.00pm l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni li għaliha kienu mistiedna speċjali dawk kollha li jgħinu u jaqdu fil-knisja. Waqt il-quddiesa, saret il-preżentazzjoni lill-komunità tal-kandidati li fi tmiem is-sena kateketika kienu sa jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.

**» 3 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes, u wara, purċissjoni bl-istatwa tagħha madwar it-toroq tal-Bażilika.

**» 14 ta' Frar**
**08.45am:** Mill-ewwel ġurnata tar-Randan beda jsir it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ta' kuljum flimkien mal-poplu fil-Bażilika.
**05.45pm:** Iċ-ċelebrazzjoni tal-Erbgħa tar-Rmied bdiet b'mixja penitenzjali miz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika, fejn fis-6.00pm l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni li fiha sar ir-Rit solenni tat-Tqegħid tar-Rmied.
**07.30pm:** Ġiet iċċelebrata quddiesa animata apposta għall-Gruppi tal-Adoloxxenti.

**» 15 ta' Frar**
**05.30pm:** Il-psikologa Dr Marlene Cauchi mexxiet laqgħa għall-ġenituri bit-tema *Il-midja soċjali*, fis-Sala Parrokkjali.

**» 16 ta' Frar**
**07.30pm:** Dun Joseph Mercieca mexxa l-Lectio Divina fil-Kappella ta' Ġesù u Marija. Dawn il-laqgħat bit-tifsir tal-Vanġelu tal-Ħadd baqgħu jsiru fil-Ġimgħat kollha tar-Randan bit-tema *Min ma jafx il-Kelma ta' Alla, ma jafx lil Kristu.* Fl-istess kappella, matul ir-Randan kollu, tħalla l-Lezzjonarju fuq eġiju għal dawk li riedu jaqraw u jirriflettu fuq is-siltiet tal-Liturġija tal-Kelma tal-ġurnata, inizjattiva li tkompliet ukoll barra minn dan iż-żmien liturġiku.
Il-jiem tal-Ġimgħa u s-Sibt tar-Randan ġew iddedikati għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, fejn ġew mistiedna konfessuri minn barra l-Parroċċa biex ikunu disponibbli għall-Qrar. Fil-ħinijiet barra l-quddies, il-Bażilika tħalliet miftuħa għall-Adorazzjoni, anki sa tard billejl tal-Ġimgħa, biex jiġi ffaċilitat iktar li wieħed jersaq għall-maħfra ta' Alla.

**» 17 ta' Frar**
**09.30pm:** Fil-Sibtijiet tar-Randan, l-Arċipriet mexxa quddiesa bit-tema *Kmandamenti* mmirata għaż-żgħażagħ.

**» 18 ta' Frar**
**10.00am:** Dun Richard N. Farrugia mexxa l-Quddiesa tal-Komunità bit-tema speċjali tar-Randan, *Id-Dgħajsa tat-Tama*.
**04.30pm:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan sar il-kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu u l-kleru flimkien mal-poplu.
**07.00pm:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan sa Ħadd il-Għid, l-Arċipriet mexxa hu l-aħħar quddiesa tal-ġurnata mmirata b'mod speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u animata bi stili ta' kant differenti. It-tema ta' din il-mixja kienet *Break Away 2*.

**» 19-23 ta' Frar**
**07.30pm:** Patri Elija Vella OFMCONV mexxa l-Eżerċizzi spiritwali għall-Miżżewġin, fil-Bażilika.

**» 26 ta' Frar-1 ta' Marzu**
**04.15pm:** Il-Kan. Noel Saliba mexxa l-Eżerċizzi spiritwali għal Kulħadd, fil-Bażilika.

**» 19 ta' Marzu**
Il-Parroċċa organizzat ħarġa f'Malta għall-anzjani.

**» 25 ta' Frar**
**Filgħaxija:** Tħabbret il-mewt għall-għarrieda tal-Professur Joseph Vella, *Maestro di Cappella* tal-Bażilika Ġorġjana u Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, fir-residenza tiegħu Marsalforn.

**» 26 ta' Frar**
**12.00pm:** Il-Q.T. il-Papa Franġisku ħatar lil Mons. Alfred Xuereb bħala Arċisqof titulari ta' Amanthea u Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja. Dan tħabbar mill-Isqof ta' Għawdex waqt Konferenza stampa fil-Kurja ta' Għawdex.

**» 3 ta' Marzu**
**09.00am:** Sar nofstanhar irtir għall-abbatini mmexxi minn Dun Geoffrey G. Attard f'Dar Stella Maris, iż-Żebbuġ.
**03.00pm:** Inżamm il-Funeral tal-Professur Joseph Vella, li tmexxa mill-Isqof ta' Għawdex fil-Bażilika, wara li l-Baned La Stella u Konti Ruġġieru akkumpanjaw il-korteo funebri minn Salib it-Tiġrija. Qabel il-quddiesa, għażla ta' mużiċisti mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta daqqew biċċa mużikali tiegħu bħala omaġġ lill-ewwel Direttur mużikali tal-Orkestra.

**» 8 ta' Marzu**
**05.30pm:** Il-kreżimandi tal-Parroċċa żaru s-Santwarju Ta' Pinu u mmeditaw ir-Rużarju mqaddes quddiem il-Mużajċi fuq iz-zuntier.
**» 13 ta' Marzu**
**Waranofsinhar:** Wara laqgħa tal-Presbiterju Parrokkjali, intlaħaq qbil unanimu dwar il-ħatra tal-Kan. George J. Frendo bħala *Maestro di Cappella* tal-Bażilika Ġorġjana, wara l-mewt tal-Prof. Joseph Vella.
**» 16-17 ta' Marzu**
**Filgħodu:** Inżamm irtir tar-Randan għall-Grupp tal-Adoloxxenti tal-Forms 3 sa 5, fid-Dar tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, ix-Xwejni.
**» 19-22 ta' Marzu**
**04.15pm:** Id-Djaknu Joseph Hili mexxa l-Eżerċizzi spiritwali għat-Tfal, fil-Bażilika, li fihom ta tifsira tal-Liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa.
**» 19 ta' Marzu**
**Filgħodu:** Inżamm irtir tar-Randan għall-Grupp tal-Adoloxxenti tal-Form 2 fiċ-Ċentru Parrokkjali taż-Żebbuġ.
**05.00pm:** Il-Q.T. il-Papa Franġisku mexxa l-Konsagrazzjoni episkopali tal-E.T. Mons. Alfred Xuereb, fil-Bażilika ta' San Pietru, Ruma. Għal dik l-okkażjoni kienu preżenti numru ta' saċerdoti u parruċċani Ġorġjani immexxija mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, li flimkien ma' Mons. Ġużeppi Farrugia kien wieħed miż-żewġ assistenti tal-Arċisqof Xuereb waqt l-Ordinazzjoni tiegħu.
**» 22 ta' Marzu**
**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra *L-Aħħar Tislima* mill-Banda Ċittadina La Stella, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Noel Beck.
**» 24 ta' Marzu**
Inżamm irtir tar-Randan għall-Grupp 18+, fid-Dar tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, ix-Xwejni.
**» 25 ta' Marzu**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni għall-Bażilika. Hawn fil-11.00am hu mexxa l-Konċelebrazzjoni solenni ta' Ħadd il-Palm.
**07.00pm:** Waqt il-quddiesa tal-Arċipriet, il-katekumenu Relf Mirce għamel iċ-Ċaħda tax-Xitan u ġie kkonsenjat it-talba tal-Missierna bl-Albaniż, bħala parti mit-tħejjija tiegħu għall-Magħmudija fil-Lejl qaddis tal-Għid.
**» 26 ta' Marzu**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Wara, sar Pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur mill-istess knisja sal-Bażilika, fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika mill-Arċipriet.
**» 27 ta' Marzu**
**11.00am:** Mons. Alfred Xuereb iċċelebra l-ewwel quddiesa letta tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ bħala Arċisqof. Meta jiġi Għawdex, din hi l-quddiesa li Dun Alfred normalment jiċċelebra.
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa Ċelebrazzjoni penitenzjali li fiha ta l-Ewwel Qrara lit-tfal li kienu ċed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina. Il-jum tat-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika kien iddedikat kollu għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, biex il-komunità tħejji qalbha għall-festi tal-Għid.
**» 28 ta' Marzu**
**07.45pm:** Patri Marcello Ghirlando OFM, bl-għajnuna tal-animazzjoni bil-kant minn Richard Grech, mexxa Ċelebrazzjoni ta' Fejqan bit-talba tal-Via Crucis fil-Bażilika, fejn kienu mistiedna b'mod speċjali l-parteċipanti kollha tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
**» 29 ta' Marzu**
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Alfred Xuereb mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka, li kienet ukoll l-ewwel ċelebrazzjoni solenni tiegħu fil-Bażilika bħala Arċisqof. F'din l-okkażjoni, l-Arċipriet f'isem il-komunità rregalalu ċurkett bix-xbieha ta' San Ġorġ, kif ukoll sar l-iskambju tal-kallotta. Fi tmiem il-quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni, fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa f'nofsinhar.
**08.30pm:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss mexxiet iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fil-Belt Victoria.
**» 30 ta' Marzu**
**08.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu quddiem l-Altar tar-Ripożizzjoni.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**05.30pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni penitenzjali u devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina La Stella, il-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri, il-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat ta' Malta, u l-Grupp tal-Iscouts tal-Marsa. F'din il-purċissjoni żżanżnet bandalora ġdida rrakkmata bid-deheb tal-*Passio Domini* li nħadmet fi Spanja.
**» 31 ta' Marzu**
**08.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu. Wara, fis-Sagristija, l-Arċipriet għamel ir-Rit tad-Dilka biż-żjut tal-Katekumeni u tal-Griżma lit-tarbija Hugh Attard.
**08.30pm:** L-Arċisqof Mons. Alfred Xuereb mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid, li bdiet minn Pjazza San Ġorġ bil-Mixegħla tal-Blandun. Waqt din il-liturġija saret il-magħmudija ta' żewġ katekumeni, tarbija u żagħżugħ, bir-rit l-antik tal-immersjoni, f'battisteru mdaqqas li għall-ewwel darba ntrama fuq il-presbiterju tal-Bażilika, fejn baqa' għall-Ottava tal-Għid bħala sinjal ta' dan iż-żmien battezimali.
**» 1 ta' April**
**08.45am:** Inżammet mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella, id-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Għid, li fih ta wkoll is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-imgħammed il-ġdid Relf Mirce.
**» 2 ta' April**
**09.30am:** L-Arċipriet beda t-Tberik tal-Għid fid-djar tal-familji li baqa' sejjer sa tmiem April.
**» 14 ta' April**
Wara snin ta' restawr u xogħol ta' induratura li sarlu fl-aħħar xhur, u għaxriet ta' snin mitluq fir-raff tas-Sagristija, twaħħal lura f'postu s-Soprakwardu ta' fuq il-Kwadru titulari ta' San Ġorġ fil-Kor tal-Bażilika.
**» 19-21 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa t-tlitt ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa liturġika ta' San Ġorġ, li fiha niseġ l-omelija dwar il-Patrun tagħna. Fi tmiem il-quddiesa, tkanta l-Innu u ngħatat il-Barka Ewkaristika.
**» 19 ta' April**
**04.45pm:** L-Uffiċċju tal-Katekeżi tad-Djoċesi ta' Għawdex stieden lill-kreżimandi Għawdxin għal laqgħa djoċesana fil-Bażilika, bit-tema *Lejn il-Griżma... mal-Martri żagħżugħ Ġorġi.* Fiha ntwera *feature* fuq San Ġorġ, taw xhieda s-Sorijiet Ursolini, u fl-aħħar għamel messaġġ Mons. Isqof. It-tfal mill-irħula kollha ta' Għawdex ġabu magħhom oġġetti għat-trabi li ngħataw lis-Sorijiet.
**» 21-22 ta' April**
Bejn is-Sibt u l-Ħadd, inżammet l-attività *Spring Fest* fi Pjazza San Ġorġ organizzata mill-Grupp 23four>> bħala għajnuna għall-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala.
**» 22 ta' April**
**4.30pm:** Għadd sabiħ ta' parruċċani, flimkien mal-Arċipriet, ipparteċipaw fil-Manifestazzjoni favur il-Ħajja, organizzata fil-Belt Valletta mil-Life Network Foundation, u li għaliha l-Isqfijiet Maltin għamlu sejħa lill-Insara kollha biex jattendu bħala protesta kontra l-emendi proposti fil-Parlament Malti fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijun.
**Filgħaxija:** Il-ġurnata ta' lejlet is-Solennità ta' San Ġorġ intemmet b'mument sabiħ ta' talb fil-Bażilika, li fih ġie ċċelebrat l-Għasar u ngħatat il-Barka Ewkaristika mill-Arċipriet, u wara dawk preżenti qasmu fil-ferħ ta' Jum San Ġorġ waqt bibita fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 23 ta' April**
**08.00am:** Sar il-kant tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-Kapitlu Ġorġjan.
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa t-Tieni Għasar Solenni.
**07.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal solenni ta' Jum San Ġorġ.
**» 27 ta' April**
Ġiet organizzata ħarġa madwar Għawdex għall-anzjani tal-Parroċċa.

# 5 PROĠETTI ...

## TA' QABEL IR-RESTAWR TAL-FAĊĊATA

**1** IS-SOPRAKWADRU TAT-TITULAR



**2** KAMERA U SKRINS FIL-BAŻILIKA





**3** *GAMESROOM* GĦAT-TFAL U L-ADOLEXXENTI





**4** L-ILBIES TAL-PREĊETT

**5** L-ISTATWA TA' SAN ĠUŻEPP

L-ispiża totali għal dawn il-ħames proġetti
se tilħaq is-somma ta' **€50,000**.
Dawk kollha li jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom
b'risq il-finanzjament ta' dawn il-proġetti
huma mħeġġa jagħmlu donazzjoni ta'
**€50, €100, €200** jew **€500.**

*grazzi mill-qalb*